FUTUR FIS-SOD

XOGĦOL ★ SAĦĦA ★ EDUKAZZJONI

PROGRAMM ELETTORALI TAL-PARTIT NAZZJONALISTA 2013

# Qabża oħra ta' kwalità

XOGĦOL SAĦĦA EDUKAZZJONI



PROGRAMM ELETTORALI TAL-PARTIT NAZZJONALISTA 2013

# Qabża oħra ta’ kwalità

XOGĦOL SAĦĦA EDUKAZZJONI

125 proposta
biex nagħmlu qabża oħra ta’ kwalità
fil-ħames snin li ġejjin

**FUTUR FIS-SOD**

XOGĦOL ★ SAĦĦA ★ EDUKAZZJONI

**© Uffiċċju Informazzjoni Partit Nazzjonalista**

Dar Ċentrali, Triq Herbert Ganado
Tal-Pietà PTA 1450
Tel: 2596 5262
Email: talk@mychoice.pn

**www.mychoice.pn**

Verżjoni bil-Malti
English version

# Werrej

**Qabża oħra ta' kwalità ........ 7**
**Il-partit tiegħek: il-valuri tagħna, il-valuri tiegħek ........ 9**

**Qabża oħra ta' kwalità fix-xogħol ........ 15**

**Inċentivi għax-xogħol għax ix-xogħol jagħtik dinjità**

1. Meta tfittex ix-xogħol issibna ........ 15
2. Jobs+ ........ 16
3. Faċilitajiet ta' childcare b'xejn għat-tfal kollha ........ 16
4. *Sick leave* meta t-tfal jimirdu ........ 16
5. Ħaddiema li jagħtu servizz lis-settur pubbliku ........ 16
6. Il-bolla u x-xogħol part-time ........ 17
7. Biex aktar pensjonanti jkomplu jaħdmu ........ 17
8. Biex aktar persuni b'diżabbiltà jidħlu fid-dinja tax-xogħol ........ 17

**Inċentivi għan-negozju biex noħolqu aktar xogħol**

9. Inħajruk tibda n-negozju tiegħek ........ 18
10. Għajnuna lin-negozji u s-*self employed* ........ *18*
11. Jitwaqqaf *Development Bank* ........ *18*
12. Jiġi faċilitat it-twaqqif ta' Bank Koperattiv ........ 18
13. *e-Innovation* ........ *19*
14. Is-settur tal-*online gaming* ........ *19*
15. Is-settur tal-kreattività ........ 19
16. Lejn aktar rekords fit-turiżmu ........ 19
17. Miżuri favur l-industrija ........ 20
18. Bdiewa, Raħħala u Sajjieda ........ 21
19. Tnaqqis tat-taxxa ........ 22
20. Ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa ........ 22

**Jidħlu wkoll minnufih dawn il-miżuri tal-baġit li l-Partit Laburista vvota kontrihom**

21. Tnaqqis tat-taxxa tad-dħul ........ 23
22. Tnaqqis ta' taxxi fuq proprjetà ........ 23
23.Tnaqqis ta' taxxi fuq karozzi u muturi ........ 24
24. Ix-xogħol tiegħek irendi aktar ........ 24
25. Inċentivi oħra għan-negozju ........ 24
26. Sena xogħol fil-volontarjat ........ 25

**Qabża oħra ta' kwalità fis-saħħa ... 26**
27. Prijorità fuq il-kura primarja ... 26
28. Ċentru għar-Riabilitazzjoni ... 26
29. Ġlieda kontra d-dijabete ... 26
30. Ġlieda kontra l-kanċer ... 26
31. Aktar mediċini għalik meta jkollok bżonnhom ... 27
32. Servizz mediku privat ... 27
33. Inkattru u ntejbu s-servizzi għas-saħħa mentali ... 27
34. Sapport kmieni fil-komunità sabiex l-individwu jibqa' f'daru ... 27
35. Min ma jistax ikollu tfal ... 27
36. Servizzi għal persuni li jeħtieġu appoġġ fl-iżvilupp tagħhom ... 27

**Qabża oħra ta' kwalità fl-edukazzjoni ... 28**
37. *Tablets* għat-tfal fl-iskola ... 28
38. Mal-21 skopri pajjiż Ewropew ieħor ... 28
39. Faċilitajiet ta' *childcare* għal ommijiet li jistudjaw ... 28
40. Aktar Ċentri Klabb 3-16 ... 28
41. L-istipendji nsaħħuhom mhux inneħħuhom ... 28
42. Titwaqqaf Akkademja tal-Arti ... 29
43. Biex aktar studenti jkomplu l-edukazzjoni post-sekondarja ... 29
44. Aktar *scholarships* f'livell terzjarju ... 29
45. Studenti fi skejjel indipendenti ... 29
46. Għall-istudenti tal-lum u ta' għada ... 30
47. *Culture Card* għall-istudenti kollha ... 30
48. Inkomplu ninvestu fl-Università ... 30
49. Inkomplu ninvestu fl-MCAST ... 31
50. Skejjel għall-ġid tal-komunitajiet ... 32

**Qabża oħra fil-kwalità tal-ħajja ... 33**
51. Titwettaq il-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent ... 33
52. Noħolqu *parks naturali* ta' rikreazzjoni għall-familji ... 33
53. Titwaqqaf Aġenzija Natura ... 33
54. Pjan Nazzjonali dwar l-Immaniġġjar tal-Ilma ... 33
55. Kontroll aħjar tat-trabijiet fl-arja ... 33
56. Kontroll aħjar tal-ħsejjes ... 34
57. Politika dwar l-Enerġija ... 34
58. Introduzzjoni ta' *Night Tariff* ... *34*
59. Il-Programm *Empower* ... *34*
60. Insaħħu l-għaqdiet sportivi ... 35
61. Aktar faċilitajiet sportivi fl-iskejjel ... 35
62. Infrastruttura fl-isport ... 35

63. Sigurtà fit-toroq u *motorsport* ... *36*
64. Inħajru l-użu tar-roti ... 36
65. Ninċentivaw aktar l-*electric cars* ... *36*
66. Immaniġġjar tat-traffiku u parkeġġi ... 36
67. Toroq ta' kwalità ... 36
68. Fond għall-pavimentar taċ-ċentru tar-raħal tiegħek ... 37
69. Aktar effiċjenza fil-lokalità tiegħek ... 37
70. Il-Belt Valletta, Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura ... 37
71. *Pension Account* għat-tfal ... 38
72. Ippjanar fit-tul għal persuni b'diżabbiltà severa u l-familji tagħhom ... 38
73. Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet ... 39
74. Servizzi għall-Anzjani ... 39
75. Inżidu l-*allowance* għall-anzjani li jgħixu d-dar ... 39
76. Pensjonijiet Privati ... 39
77. Pensjoni tas-servizz minn barra ... 39
78. Pensjoni tat-Teżor ... 40
79. Pensjoni tad-diżabbiltà ... 40
80. Pensjoni tal-invalidità ... 40
81. Il-pensjoni tar-romol ... 40
82. Servizzi għal familji vulnerabbli ... 40
83. Uffiċċju għall-innovazzjoni Soċjali ... 41

**Jidħlu wkoll minnufih dawn il-miżuri tal-baġit li l-Partit Laburista vvota kontrihom**
84. Inżidu ċ-*Children's Allowance* ... *41*
85. Inżidu l-*allowance* għall-anzjani li jgħixu d-dar ... 41

**Qabża oħra ta' kwalità fid-drittijiet tiegħek ... 42**
86. Nirrevedu l-Kostituzzjoni ... 42
87. Parlament lenti fuq il-Gvern, viċin in-nies ... 42
88. Drittijiet tal-bniedem garantiti għal kulħadd ... 42
89. Nirrevedu l-kunċett ta' newtralità ... 42
90. Malta u l-Unjoni Ewropea ... 43
91. Fuq l-*internet* ma jagħlaqlek ħalqek ħadd ... 43
92. *Open Government* ... *43*
93. Tivvota b'aktar kumdità ... 43
94. Aktar nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà ... 43
95. Dritt tal-vot għal min jagħlaq 16-il sena ... 44
96. Interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali Maltija ... 44
97. Klieb gwida għal persuni għomja ... 44
98. Fond ta' solidarjetà ... 44
99. Drittijiet ta' persuni LGBT ... 44

100. Avukat li jħares l-interessi tat-tfal ........ 44
101. Għajnuna legali għal vittmi ta' reati kriminali ........ 44
102. Il-Qrati tal-Ġustizzja ........ 45
103. Armata li tistrieħ fuqha ........ 45
104. Pulizija aktar viċin tiegħek ........ 45
105. Protezzjoni Ċivili li tieħu ħsiebek ........ 46
106. Pieni aktar ħorox għar-reati l-aktar gravi ........ 47
107. Konfiska tal-beni u assi ġġenerati minn attività kriminali ........ 47
108. Wara l-ħabs għandu jkun hemm ħajja ........ 47
109. Drittijiet tal-Konsumaturi ........ 47
110. Tingħata d-dritt sħiħ fuq il-proprjetà ta' darek ........ 48
111. Reviżjoni ta' entitajiet pubbliċi u aktar effiċjenza ........ 48
112. Titkompla r-riforma tal-MEPA ........ 48
113. Kontroll fuq il-kostruzzjoni f'zoni residenzjali ........ 49
114. L-immigrazzjoni ........ 49
115. Drittijiet tal-annimali ........ 50

**Qabża oħra ta' kwalità f'Għawdex ........ 51**
116. Inċentivi biex jiftħu aktar negozji f'Għawdex ........ 51
117. Pjan għat-Turiżmu f'Għawdex ........ 51
118. L-industrija żgħira f'Għawdex ........ 52
119. *Link* permanenti bejn Malta u Għawdex ........ 52
120. L-infrastruttura f'Għawdex ........ 52
121. Eko-Għawdex ........ 53
122. *Business Centre* fir-Rabat, Għawdex ........ 53
123. L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ........ 53
124. Jitwaqqaf Kunsill Reġjonali f'Għawdex ........ 53
125. Għawdex u l-Unjoni Ewropea ........ 53

# Qabża oħra ta' kwalità

**F'din l-elezzjoni, int se tkun qed tagħżel bejn politika b'direzzjoni ċara li ħolqot il-ġid u politika bla direzzjoni. Bejn politika ppruvata fil-maltemp li toħloq ix-xogħol u xogħol aħjar u politika li twiegħed kollox lil kulħadd, li toħnoq l-ekonomija u li ttellef l-impjiegi.**

B'għażla tajba tgawdi int, igawdi kulħadd u pajjiżna jissaħħaħ. B'għażla ħażina tbati int, ibati kulħadd u pajjiżna jinkalja.

Hija għażla ċara.  Hija għażla kruċjali.  Hija l-għażla li trid tagħmel int.

Pajjiżna mexa ħafna 'l quddiem.

Is-sena d-dieħla niċċelebraw il-ħamsin anniversarju tal-Indipendenza ta' Malta. Kemm imxejna 'l quddiem minn dakinhar! Minn kolonja sirna pajjiż indipendenti. Minn pajjiż b'demokrazija mhedda sirna pajjiż liberu u demokratiku. Minn pajjiż iżolat sirna sieħeb rispettat fl-Ewropa. Il-Partit Nazzjonalista huwa kburi li mexa mal-poplu Malti fuq quddiem f'din il-mixja.

Issa wasal iż-żmien li nagħtu l-pass għal qabża oħra ta' kwalità.

Dan hu l-programm tagħna għal Malta aktar b'saħħitha, pajjiż ta' aktar opportunitajiet għal kulħadd, nazzjon kburi bl-istorja tiegħu, li kapaċi jagħmel il-pass li jmiss biex flimkien insawru pajjiżna fis-sod għat-tfal tagħna u t-tfal tat-tfal tagħna

Il-programm tagħna għal din il-qabża ta' kwalita' 'l quddiem huwa speċjali għaliex huwa ispirat mill-ideat, ix-xewqat u l-aspirazzjonijiet tiegħek. Ħejjejnieh wara konsultazzjoni wiesa' miegħek.

Bgħattulna mijiet ta' ideat u ta' dan nirringrazzjawkom. Aħna studjajniehom. U għaqqadna numru minnhom mal-ideat tagħna biex ħriġna bi programm li bih pajjiżna jista' jagħmel qabża oħra ta' kwalità.

Hemm żewġ raġunijiet għaliex għażilna li nersqu għall-elezzjoni bi programm b'dan l-istil:

- L-ewwel, għaliex mal-Partit Nazzjonalista int diġà taf fejn qiegħed u taf fejn sejjer. M'għandekx bżonn tistenna l-programm elettorali tagħna biex issir taf min aħna u x'noffrulek. Magħna diġà taf li tista' tistenna opportunitajiet ta' xogħol u l-ogħla livelli fis-saħħa u fl-edukazzjoni. B'hekk, f'dan il-programm, stajna nimirħu fi proposti ġodda, innovattivi u eċċitanti u mhux fuq dak li diġà taf.

- It-tieni għaliex ridna nirriflettu aħjar l-aspirazzjonijiet tiegħek. B'hekk tajna spazju sħiħ għall-ideat li INT tħoss li l-Gvern TIEGĦEK għandu jwettaq. Grazzi għall-kuntatt li kellna mal-għaqdiet tas-soċjetà ċivili u mal-imsieħba soċjali u grazzi għal inizjattivi oħra li laqqgħuna ma' numru kbir ta' persuni, irċevejna għadd kbir ta' proposti u minnhom għażilna dawk li huma l-aktar sostenibbli u li fl-istess ħin jirriflettu l-prinċipji u l-politika tal-PN.

B'hekk, dan il-programm huwa tassew il-programm tiegħek għax inti stess tajt sehem fit-tfassil tiegħu. Tajniek iċ-ċavetta f'idejk u inti ftaħt il-bieb għal dawn il-proposti favur Futur fis-Sod.

Il-Partit Nazzjonalista jagħraf li m'għandux il-monopolju tal-verità. Minkejja li smajna l-proposti tiegħek u minkejja li stinkajna biex nipproponulkom l-aħjar proposti, aħna ċerti li maż-żmien se jiżviluppaw proposti oħra li huma tajbin u li jistgħu jiġu minn individwi, mill-imsieħba soċjali, mis-soċjetà ċivili, minn partiti politiċi oħra. Dan huwa s-sabiħ ta' pajjiż mibni fuq id-diversità. Il-Partit Nazzjonalista huwa kommess li jikkonsidra u jagħmel tiegħu wkoll dawn il-proposti sakemm ikunu proposti konformi mal-prinċipji tiegħu u proposti fl-interess veru ta' pajjiżna.

Jekk tivvota għall-Partit Nazzjonalista, INT tkun qiegħed tiżgura li l-ideat TIEGĦEK jitwettqu.

Tkun INT li qed tiżgura qabża ta' kwalità għal futur fis-sod.

Lawrence Gonzi
Kap tal-Partit Nazzjonalista

# Il-partit tiegħek:

## il-valuri tagħna, il-valuri tiegħek

**Ftit ilu fil-PN addottajna dokument, imsejjaħ *L-Għeruq Tagħna,* li fih nistqarru biċ-ċar fiex nemmnu u kif inwettqu dak li nemmnu fih. Dan id-dokument huwa l-Karta tal-Identità tagħna għaliex fih tara min aħna, tara l-għeruq tagħna, tara x'jirrappreżenta l-PN u tara x'inhi l-viżjoni tiegħu, illum, fis-seklu wieħed u għoxrin. Id-dokument L-Għeruq Tagħna tista' tarah minn dan is-sit: http://mychoice.pn/docs/gheruq.pdf**

L-għeruq tal-PN jistgħu jiġu spjegati f'10 valuri u prinċipji li huma identifikati mal-PN għaliex huma l-marki tas-swaba' tagħna. Tista' tara lill-PN f'kull wieħed minnhom.

1. **L-ispirazzjoni tagħna** minn valuri nsara.
2. **Il-bniedem u l-familja** dejjem fiċ-ċentru tal-ħidma tagħna.
3. **Il-libertà** li mingħajrha titlef kollox.
4. **Ir-responsabbiltà** fid-deċiżjonijiet li nieħdu kemm aħna kif ukoll int.
5. **Is-solidarjetà** dejjem u kullimkien.
6. **Is-sussidjarjetà** għax l-istat m'għandux jindaħal f'kollox.
7. **Id-djalogu** minsuġ fit-tessut tagħna.
8. **Il-fiduċja** fik u fil-pajjiż.
9. **Id-direzzjoni** għax għandna viżjoni u nafu fejn sejrin.
10. **L-identità** li tagħmilna kburin b'pajjiżna għax nemmnu fih.

F'kull qasam politiku l-ħidma ta' Gvern immexxi mill-PN tirrifletti dawn il-valuri li nħaddnu.

### Partit tal-bidla, il-bidla li trid int

Il-PN huwa l-partit tal-bidla. Il-bidla li trid int. Il-PN ġab bidla għall-aħjar u mhux bidla għall-agħar.

Il-Partit Nazzjonalista għandu l-esperjenza li jkompli jġib il-bidla għax diġà għeleb sfidi kbar fit-tmexxija tal-pajjiż. Il-PN għandu l-viżjoni biex imexxi għax għandu direzzjoni u miegħu int taf fejn sejjer. Il-PN għandu l-enerġija biex ikompli jġib il-bidla għaliex huwa partit dinamiku b'tim ta' kandidati dejjem jiġġedded.

### L-ekonomija

Fil-qasam ekonomiku l-akbar sfida fil-ħames snin li ġejjin se tkun li nżommu l-finanzi tagħna fis-sod u li nkomplu nsaħħu l-kompetittività tagħna biex b'hekk l-ekonomija tagħna tkompli tikber b'mod sostenibbli. Se nkomplu nieħdu deċiżjonijiet responsabbli.

Il-viżjoni ekonomika tagħna hi ta' ekonomija dinamika u miftuħa għall-kompetizzjoni li tegħleb l-isfida tal-globalizzazzjoni. Ekonomija kompetittiva li tagħti spazju lis-settur privat, li dejjem tfittex li tiddiversifika, li żżomm il-livell ta' tassazzjoni baxx, li tiġġenera l-investiment, ix-xogħol u l-ġid u li minnu jgawdi kulħadd.

Din il-politika diġà tat stabbiltà ekonomika, serħan il-moħħ u fetħitilna opportunitajiet ekonomiċi ġodda f'oqsma bħall-farmaċewtika, l-avjazzjoni, l-ekonomija diġitali u tal-kreattività u s-servizzi finanzjarji. Din il-politika tatna wkoll il-possibbiltà li nżommu l-finanzi pubbliċi fis-sod bħala l-bażi li fuqu nibnu futur fis-sod.

Mingħajr stabbiltà ekonomika u finanzi fis-sod ma konniex naslu s'hawn. Kien jiġrilna bħal pajjiżi oħra.

Wara l-Greċja, issa anki l-Irlanda, il-Portugall, Spanja u saħansitra Ċipru talbu *bailout,* jiġifieri li jkunu mislufa għajnuna finanzjarja ta' emerġenza biex joħorġu mis-sitwazzjoni prekarja li daħlu fiha. Biss, kif wieħed jistenna, għajnuna finanzjarja f'sitwazzjoni ta' emerġenza tiġi b'kundizzjonijiet iebsa. Il-prezz huwa miżuri ħorox ta' awsterità li joħolqu tbatija soċjali kbira permezz ta' żidiet goffi fit-taxxi, inkluż il-VAT u l-*fuel,* tkeċċija ta' nies mill-impjieg tagħhom, tnaqqis fil-pagi, tnaqqis fil-pensjonijiet, tnaqqis fis-servizzi soċjali u tnaqqis fl-investiment fl-edukazzjoni, is-saħħa u l-ambjent.

Dan kollu qed iseħħ f'pajjiżi oħra. Iżda ma seħħx f'Malta.

F'Malta ma seħħx għaliex għandna tmexxija tajba u għaliex għamilna għażliet responsabbli. U filwaqt li għamilna sagrifiċċji, ma kellniex għalfejn ngħaddu mit-tbatija li qed jgħaddu minnha popli oħra. Dan mhux b'kumbinazzjoni. Dan għax il-Gvern Nazzjonalista mexxa tajjeb.

Jekk il-finanzi pubbliċi nżommuhom fis-sod, inkunu nistgħu nkomplu nsaħħu l-ekonomija, nattiraw l-investiment, inżidu l-impjiegi, innaqqsu l-piż tat-taxxi u noħolqu aktar ġid. Jekk inħallu f'idejn min iwiegħed kollox lil kulħadd, il-finanzi tagħna jmorru l-baħar u dan iġib tbatija soċjali kbira, speċjalment għal dawk li jifilħu l-anqas. Jekk nimxu wara l-mudell ta' Ċipru, kif qal li għandna nagħmlu Joseph Muscat, il-pajjiż jidħol ġo ħajt u jispiċċa b'*bailout*.

Wara li poġġejna l-finanzi fis-sod b'defiċit pubbliku fost l-aktar baxxi fiż-żona ewro, il-mira li jmiss issa hija li l-finanzi pubbliċi jibdew iħallu *surplus* u li fil-ħames snin li ġejjin jibda jitnaqqas id-dejn, biex b'hekk jitnaqqas ukoll il-piż tal-interessi. L-obbligu li l-baġit jinżamm bilanċjat jiddaħħal fil-Kostituzzjoni u jitwaqqaf Kunsill Fiskali indipendenti li l-funzjoni tiegħu tkun li jissorvelja li l-Gvern ikun qed iżomm mal-miri fiskali tiegħu kif ukoll bit-twaqqif ta' Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

Finanzi fis-sod jippermettu wkoll li nkunu nistgħu nkomplu nnaqqsu l-piż tat-taxxi. Malta diġà għandha l-anqas piż ta' taxxi fuq id-dħul tal-ħaddiema (*income tax*) fl-Unjoni Ewropea. Waqt li l-medja tal-UE hija ta' €33 taxxa u bolla għal kull €100 dħul, f'Malta t-taxxa u l-bolla jlaħħqu biss €21.3 għal kull €100. Dan kien possibbli għax il-Gvern baqa' jnaqqas il-piż tat-taxxi fi tliet baġits konsekuttivi bejn l-2007 u l-2009 filwaqt li reġa' naqqas l-*income tax* għall-ġenituri fl-2012.

## Ġustizzja soċjali

Fil-qasam soċjali, il-PN iħares il-ġustizzja soċjali permezz ta' politika ispirata mit-twemmin fid-dinjità ta' kull persuna, fl-ugwaljanza u fis-solidarjetà biex ħadd ma jibqa' lura.

Dan ifisser li l-istat jipprovdilek l-aqwa servizz fil-qasam tal-edukazzjoni u s-saħħa. U jibqa' jipprovdihomlok b'xejn. Dan ifisser ukoll li nagħtu wens lill-aktar vulnerabbli, fosthom it-tfal, in-nisa f'diffikultà, il-persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni, in-nies li tilfu l-impjieg u l-anzjani.

F'pajjiżna għandna mudell soċjali ġust li għandna nkomplu nindukrawh u niżviluppawh. Gvern Nazzjonalista huwa kommess li jkompli jsaħħaħ il-mudell soċjali tagħna.

Inkomplu naħdmu wkoll favur soċjetà aktar inklussiva. Insaħħu aktar ir-rappreżentanza tan-nisa fis-soċjetà, speċjalment f'karigi pubbliċi, u nkomplu nintegraw lill-minoranzi

bħala parti sħiħa u ugwali tas-soċjetà. Id-dinjità ta' kull bniedem tiżboq il-fatt jekk hux f'minoranza jew f'maġġoranza.

## Politika

Fil-qasam politiku l-PN huwa kburi b'Malta u jrid ikompli jwettaq politika li tagħmlek kburi li inti Malti. Malta huwa pajjiż bi storja antika. Iżda l-Istat Malti għadu żagħżugħ għax twieled fl-1964. Żgur li inti għandek membri tal-familja li għexu dak il-jum memorabbli li fih ħadna l-Indipendenza.

L-2014 trid tkun sena li fiha naħdmu anki aktar milli ħdimna sa issa biex infakkru kif jixraq għeluq il-ħamsin sena tagħna bħala poplu indipendenti. Għandha tkun sena storika, b'dawl qawwi speċjali mixħut fuq l-identità tagħna, fuq dak kollu li jorbot ġenerazzjonijiet differenti ta' Maltin flimkien, u jgħaqqad dejjem aktar lilna l-Maltin f'Malta mal-Maltin imxerrdin mad-dinja. Fiduċja dejjem akbar f'pajjiżna u fl-identità nobbli tiegħu tfisser li ż-żgħażagħ tagħna jkollhom fiduċja dejjem akbar fihom infushom. B'dan l-impenn, li għandu jissaħħaħ fis-sena speċjali li ġejja, niggarantixxu li jkollna ġenerazzjonijiet li huma dejjem aktar kuntenti bħala persuni u bħala ċittadini.

Fl-2014 mhux biss għandna għaliex niċċelebraw flimkien l-identità tagħna iżda jeħtieġ li nużaw din l-okkażjoni biex inħarsu lejn il-Kostituzzjoni ta' Malta u hawn ukoll nagħmlu qabża ta' kwalità billi naġġornawha għaż-żminijiet tal-lum fid-dawl tal-esperjenza. Jeħtieġ reviżjoni ta' kif jaħdmu l-istrutturi tal-istat. Jeħtieġ li nirrikonoxxu u nsaħħu r-rwol tal-għaqdiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fil-ħajja pubblika. Għandhom jiġu aġġornati wkoll il-liġi elettorali biex Maltin imsefrin li huma intitolati għall-vot ikunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom mingħajr ma joqogħdu jiġu Malta kif ukoll sabiex persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jeżercitaw id-dritt tal-vot tagħhom skont il-bżonnijiet individwali partikolari tagħhom. Fuq kollox, jeħtieġ li nsaħħu d-demokrazija b'parteċipazzjoni aktar diretta tan-nies, inkluż permezz tat-teknoloġija tal-lum.

Il-Parlament m'għandux ikun biss ġdid fil-bini. Il-Parlament għandu jkun aktar viċin in-nies u se jkun aktar miftuħ għan-nies fejn ir-rappreżentanti politiċi tiegħek ikunu dejjem aktar viċin tiegħek. Għandhom jissaħħu wkoll il-poteri tal-Parlament sabiex il-Gvern jibqa' dejjem taħt skrutinju. Id-dibattiti parlamentari għandhom ikunu mxandra kollha.

Meta mmissu fil-fond il-Kostituzzjoni, inkunu qed immissu l-qalba tal-istat Malti.  Kull reviżjoni wiesgħa tal-Kostituzzjoni għandha tiġi suġġetta għal referendum. Il-PN jemmen li d-deċiżjoni dwar it-tibdiliet kostituzzjonali għandu jeħodha l-poplu Malti.

## Settur pubbliku

Servizz pubbliku effiċjenti u effettiv minn dejjem kien prijorità għall-PN. Dan mhux biss minħabba l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiż, iżda wkoll għax kull ċittadin għandu d-dritt jirċievi servizz ta' kwalità mis-Servizz Pubbliku. Aħna kburin bis-Servizz Pubbliku li rnexxielna nibnu għax ħadem b'suċċess biex jegħleb l-isfidi tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea u l-pressjoni li tefgħet fuqna l-kriżi finanzjarja. Nafu li r-riżultati pożittivi li kellna kienu possibbli biss grazzi għad-dedikazzjoni tal-persuni li jaħdmu fis-Servizz Pubbliku.

Minkejja dan, fil-kamp tas-Servizz Pubbliku, qatt ma huwa biżżejjed. Hekk kif negħlbu sfida, tiġi oħra. Huwa għalhekk li Servizz Pubbliku effettiv jibqa' prijorità għalina.

Aħna nemmnu li kull ċittadin li għandu bżonn servizz mill-Gvern u kull negozju għandu proċeduri sempliċi u effettivi meta jmiss mas-settur pubbliku. Huwa għalhekk li rridu nkomplu nagħmlu s-settur pubbliku aktar effiċjenti u nkomplu nnaqqsu l-burokrazija

żejda. Dan nagħmluh billi nibnu fuq ir-rakkomandazzjonijiet li diġà qegħdin fis-seħħ fl-eżerċizzju magħruf bħala *Better Regulation Exercise*. Dan ser nagħmluh ukoll billi, kemm jista' jkun, is-servizzi li jingħataw jinġabru f'entitajiet singoli biex iċ-ċittadini jkollhom x'jaqsmu ma' entità waħda u jinqdew aktar malajr. Gvern Nazzjonalista jkompli jagħmel evalwazzjoni tal-infiq fis-Servizz Pubbliku bil-għan li tiġi eliminata wkoll il-ħela u kull ċenteżmu jiġi wżat bl-aħjar mod. Dan ikun eżerċizzju kontinwu.

## Politika Ewropea u politika barranija

Irridu li int tkun kburi li int Malti fil-politika Ewropea u l-politika barranija wkoll.

Illum Malta hija pajjiż membru rispettat tal-Unjoni Ewropea u Gvern ġdid Nazzjonalista jsaħħaħ dan ir-rispett u mhux ixellfu. Il-PN jinnegozja bil-forza tar-raġuni. Ir-riżultati jinkisbu mir-rispett u mhux mit-theddid. Tant, li fl-ewwel tmien snin ta' sħubija Gvern Nazzjonalista ġab aktar minn **elf u tliet mitt miljun ewro f'fondi mill-Unjoni Ewropea**. Iva, ġab **€1,300,000,000.** Issa wasal il-mument li jiġi negozjat pakkett finanzjarju ġdid li jeħodna mill-2014 sal-2020. Gvern Nazzjonalista huwa fl-aħjar pożizzjoni li jinnegozja f'ismek l-aqwa pakkett finanzjarju li minnu int tista' tgawdi infrastruttura aħjar, ekonomija aktar b'saħħitha u investiment akbar fil-ħiliet tiegħek. Kif nistgħu nħallu li dan il-pakkett jiġi negozjat minn min qal li mill-Ewropa nistgħu ngibu biss miljun u nofs?

Fl-1 ta' Jannar tal-2017 Malta se jkollha l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea għall-ewwel darba. Malta se tkun iċ-ċentru tax-xogħol Ewropew, se tmexxi eluf ta' laqgħat f'Malta u barra u se tiddetermina hi l-aġenda tal-UE. Din se tkun okkażjoni bla preċedent fejn pajjiżna huwa mistenni jibbrilla. Is-sehem tal-Gvern Malti se jkun ewlieni biex Malta tagħmel suċċess minn din il-Presidenza. M'għandniex il-lussu li nfallu din l-okkażjoni. Kif nistgħu nħallu l-Presidenza ta' Malta titmexxa minn min ħadem kemm felaħ biex nibqgħu barra flok f'idejn min igawdi rispett fl-Ewropa?

Fil-politika barranija, il-PN ikompli jieħu deċiżjonijiet li jagħmluk kburi li int Malti, bħalma għamel fil-gwerra tal-Libja meta Gvern Nazzjonalista ħareġ għonqu favur il-poplu Libjan u ma stenniex sa ma nqatel Gaddafi biex ħa pożizzjoni. Tista' tafda l-politika barranija ta' pajjiżna f'idejn min mhux kapaċi jieħu pożizzjoni ċara?

Il-PN impenjat li jkompli jagħmlek aktar kburi li int Malti u aktar kburi li int Ewropew.

## Identità u Kultura

Fil-qasam tal-kultura, fl-aħħar ħames snin urejna kemm il-potenzjal li għandna jista' jrodd benefiċċji kbar lis-soċjetà sħiħa anki f'setturi oħra bħall-edukazzjoni, l-ekonomija, il-qasam soċjali u l-ambjent.

Il-Belt Valletta hija ġawhra mhux biss ta' Malta iżda tad-dinja kollha. Fl-2018, se tkun il-belt kapitali tal-Kultura fl-Ewropa. Dan huwa avveniment uniku li rridu nagħtuh l-importanza li jistħoqqlu billi nkomplu nagħtu lill-Belt spinta sabiex tasal għall-istat li jixirqilha u li jixraq lilek ukoll bħala Malti - belt ħajja, b'qalb storika u artistika u b'funzjonalità moderna.

Il-miżuri li ħadna poġġew il-pedamenti biex il-Belt Valletta taqdi b'suċċess ir-rwol tagħha ta' Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura. Grazzi għal Valletta 2018, il-qasam kulturali se jiġġenera opportunitajiet ġodda fis-settur tal-kreattività iżda se jwassal ukoll għal titjib u apprezzament akbar tal-infrastruttura kulturali tal-Belt. Se jagħti wkoll perspettiva usa' lis-soċjetà Maltija u jwassal għal aktar titjib fil-kwalità tal-ħajja.

B'hekk kemm il-Presidenza ta' Malta tal-Unjoni Ewropea kif ukoll Valletta 2018 se jkunu opportunitajiet uniċi li bihom se nkomplu nsarrfu l-potenzjal kulturali tagħna u nħallu wirt li nibqgħu ngawduh fis-snin ta' wara wkoll.

**Quddiemna għandna ħames snin ta' sfidi u ta' opportunitajiet. Jekk negħlbux l-isfidi u jekk naħtfux l-opportunitajiet biex nagħmlu l-qabża ta' kwalità li jmiss jiddependi mill-vot tiegħek.**

**Il-PN kien u għadu l-partit tal-bidla.**
**Il-bidla għall-aħjar u mhux għall-agħar.**
**Il-bidla li trid int.**

# Qabża oħra ta' kwalità fix-xogħol

**Il-PN ħoloq ambjent ekonomiku li fih seta' jinħoloq ix-xogħol u xogħol b'pagi aħjar. Dan l-ambjent ħloqnieh għaliex dħalna fl-Unjoni Ewropea u ftaħna swieq u opportunitajiet ġodda, għaliex investejna f'setturi ġodda, għaliex investejna fil-kompetittività tan-negozju u tal-industrija, għaliex investejna fir-riżorsi umani tal-ħaddiema tagħna, għaliex ippremjajna x-xogħol, għaliex żammejna t-taxxi baxxi u fuq kollox, għaliex żammejna l-finanzi fis-sod. Biex nagħmlu qabża oħra ta' kwalità fil-ħolqien tax-xogħol qed nipproponu dawn il-miżuri ġodda għall-ħames snin li ġejjin.**

## Inċentivi għax-xogħol għax ix-xogħol jagħtik dinjità

### 1. Meta tfittex ix-xogħol issibna

Il-ħaddiema kollha u ta' kull età huma riżorsa prezzjuża għalina. Għaldaqstant jitkomplew u jitwessgħu l-iskemi sabiex meta tkun mingħajr xogħol u tieħu l-benefiċċji tal-qgħad inti ssib l-għajnuna biex titħarreġ u tkun tista' taħdem numru ta' sigħat fil-ġimgħa mingħajr ma titlef il-benefiċċji. B'mod partikolari:

i. Il-*Work Trial Scheme* li permezz tagħha persuna bla xogħol tieħu esperjenza ta' xogħol ta' 20 siegħa fil-ġimgħa għal 12-il ġimgħa bla ma titlef ebda dritt jew benefiċċju, tissaħħaħ billi l-perjodu ta' 12-il ġimgħa jkun jista' jiġi estiż jekk ikun hemm bżonn sa massimu ta' sena sabiex nassiguraw li l-persuna bla xogħol tikseb il-ħiliet meħtieġa biex tintegra sew fid-dinja tax-xogħol;

ii. L-iskema *Bridging the Gap* li tagħti esperjenza ta' xogħol lil persuni l-aktar żvantaġġjati (persuni li kienu l-ħabs, persuni li kellhom problema tad-droga jew alkoħol, persuni b'diżabbiltà, persuni bi problema ta' saħħa mentali u oħrajn) filwaqt li jkollhom dħul ta' 80% tal-paga minima nazzjonali, tissaħħaħ billi:
   - Fil-każ ta' persuni b'diżabbiltà u persuni bi problemi ta' saħħa mentali l-limitu ta' żmien jiġi estiż għal tliet snin, waqt li nipprovdu *job coach* fejn meħtieġ;
   - Għal persuni oħra l-limitu taħt din l-iskema jiġi estiż għal sena.

iii. Il-*Community Work Scheme* fejn il-persuna li tkun ilha tirreġistra għal aktar minn sitt xhur u qed tieħu l-benefiċċju tal-qgħad taħdem 30 siegħa fil-komunità ma' Kunsill Lokali jew ma' xi NGO, tissaħħaħ billi jiżdied il-limitu fuq il-perjodu li fih persuna tkun tista' tipparteċipa f'din l-iskema;

iv. Wara s-suċċess tal-*Employment Aid Programme* li għen kumpaniji Maltin biex iħarrġu u jħaddmu persuni bla xogħol filwaqt li nofs il-paga kienet sussidjata mill-fondi tal-Fond Soċjali Ewropej, dan il-programm se jerġa' jitnieda biex jippermetti li kumpaniji Maltin jieħdu sussidju ta' 50% ta' paga u l-bolla ta' sena, jew 75% tal-paga u l-bolla ta' sentejn għal min ikun ilu aktar minn sentejn bla xogħol, filwaqt li għal persuni b'diżabbiltà

din titla’ 75% tal-paga u l-bolla mingħajr limitu ta’ żmien. Dawn l-ammonti huma l-massimu permessibbli mill-i*State Aid Regulations*.

## 2. Jobs+

Il-PN huwa firmatarju tad-dikjarazzjoni JOBS+ dwar il-kunċett ta’ *Active Labour Market Policy* (ALMP) imniedi mill-Union Ħaddiema Magħqudin nhar it-22 ta’ Jannar 2013. Permezz ta’ din id-dikjarazzjoni, il-PN ikkommetta ruħu li jaħdem kollettivament biex jimplimenta din il-politika għas-suq tax-xogħol fl-interess ta’ kulħadd, b’mod partikulari, billi:

i. Jinbeda l-proċess għat-twaqqif tal-*Active Labour Market Policy Counselling and Action Committee* matul is-sena 2013.

ii. Bis-sehem tal-imsieħba soċjali, dan il-Kumitat irid jiżgura li l-pjan tal-implimentazzjoni tal-ALMP ikun lest fi żmien tliet xhur mit-twaqqif tal-Kumitat ta’ Azzjoni.

iii. Issir ħidma kollettiva biex permezz ta’ din il-politika jinħoloq aktar ġid li jilħaq lil kulħadd permezz tat-tkabbir fil-produttività ta’ pajjiżna. Dan ser inwettquh billi:
   - Inżidu l-ammont ta’ nies li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol.
   - Inkomplu ntejbu l-ħiliet tal-ħaddiema tagħna.
   - Jiżdied l-investiment allokat għall-ALMP.
   - Tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol fost dawk il-persuni b’dipendenza fit-tul fuq benefiċċji soċjali, speċjalment fost dawk li għandhom anqas minn 40 sena.

## 3. Faċilitajiet ta’ childcare b’xejn għat-tfal kollha

i. Biex jgħin aktar lin-nisa jidħlu jew jibqgħu fid-dinja tax-xogħol, il-Gvern jagħmel pass ieħor ’il quddiem billi s-servizz taċ-*childcare* għat-tfal tiegħek ikun iffinanzjat mill-Gvern b’sistema ta’ *vouchers* li tkun tista’ tuża f’*childcare centres* tal-għażla tiegħek. Għal din l-iskema jiġi allokat €5 miljun fis-sena u jibbenefikaw minnha mhux biss dawk li jaħdmu *full-time* iżda anki dawk li jaħdmu *part-time* jew b’ħinijiet flessibbli.
ii. Il-miżura tkopri l-ispiża taċ-*childcare* anki għal dawk it-tfal li qegħdin jitrabbew f’familja b’ġenitur wieħed, anki meta l-ġenitur hu l-missier.

## 4. *Sick leave* meta t-tfal jimirdu

Is-*sick leave* ikun jista’ jintuża mhux biss meta timrad int iżda anki jekk jimirdu t-tfal. B’hekk tkun tista’ sserraħ rasek li jekk jinqala’ xi ħaġa lit-tfal int tkun hemm għalihom. L-implimentazzjoni ssir f’disussjoni ma’ min iħaddem sabiex jonqos l-użu tas-*sick leave* irregolari, tiżdied il-lealtà fl-impjieg u biex tinkoraġġixxi nisa u rġiel li qed irabbu jkomplu jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

## 5. Ħaddiema li jagħtu servizz lis-settur pubbliku

Illum, is-Settur Publiku jaħdem kemm b’ħaddiema impjegati direttament kif ukoll b’ħaddiema ingaġġati b’kuntratti ta’ servizz minn kuntratturi privati, bħal fl-oqsma tas-sigurtà, tindif u oħrajn. Biex dawn il-ħaddiema li jagħtu servizzi fis-Settur Pubbliku b’dan il-mod ikollhom kundizzjonijiet tax-

xogħol aħjar, il-kuntratti għal servizzi mill-privat se:

i. Jibdew jingħataw għal perjodu twil biex b'hekk il-ħaddiema konċernati jkollhom xogħol aktar fiss;

ii. Jorbtu lill-kuntrattur b'kodiċi ta' prattika li tassigura l-kundizzjonijiet xierqa għall-ħaddiema konċernati;

iii. Jesiġu bħala norma l-użu ta' ħaddiema *full-time*, jew *full-time* b'sigħat imnaqqsa, u b'kuntratt indefinit, u ma jippermettux l-użu ta' ħaddiema *part-time* imħaddma fuq sigħat *full-time*;

iv. Jinkludu l-Ordini ta' *Standard* Nazzjonali *(National Standard Order)* li tkun tapplika għas-settur partikolari;

v. Jifred il-pagi tal-ħaddiema mill-ispiża tal-kuntrattur għas-servizzi tiegħu biex il-proċess kompetittiv ta' *tender* ikun ibbażat fuq l-aħjar offerta mill-kuntrattur għas-servizzi tiegħu u mhux fuq il-pagi tal-ħaddiema.

## 6. Il-bolla u x-xogħol part-time

Ix-xogħol *part-time* qed jikber u aktar ħaddiema qed jagħżlu li jaħdmu *part-time* bħala l-ewwel preferenza tagħhom jew biex jaqilgħu xi ħaga żejda fuq ix-xogħol prinċipali tagħhom. Il-ħlas tal-bolla għal dawn il-ħaddiema se tiġi aġġustata sabiex:

i. Ħaddiema li jaħdmu aktar minn xogħol *part-time* wieħed flok xogħol *full-time* jkunu jistgħu, jekk iridu, iħallsu l-bolla fuq aktar minn xogħol wieħed biex hekk jikkontribwixxu għal pensjoni ogħla;

ii. Ħaddiema impjegati *full-time* imma li jkollhom paga baxxa u li jaħdmu wkoll xogħol *part-time* ikunu jistgħu jagħżlu li jħallsu l-bolla wkoll fuq ix-xogħol *part-time* biex b'hekk jikkontribwixxu għal pensjoni ogħla;

iii. Ħaddiema *self-employed* fuq bażi *part-time* jibdew iħallsu l-bolla pro-rata skont kemm hu l-qligħ tagħhom u ma tapplikax minimu li kulħadd irid iħallas, benefiċċju li s'issa jgawdu minnu biss ħaddiema nisa *self-employed* fuq bażi *part-time.*

## 7. Biex aktar pensjonanti jkomplu jaħdmu

i. Fil-preżent, pensjonant li jkompli jaħdem iħallas bolla daqs ħaddieħor. Biex aktar pensjonanti jitħajru jkomplu jaħdmu u b'hekk ikollhom dħul aħjar, ir-rata tal-bolla għall-pensjonanti bejn l-età tal-irtirar u l-65 sena tonqos bin-nofs kemm għal min jaħdem kif ukoll għal min jimpjega.

ii. Għal min jaħdem għal rasu, ir-rata tal-bolla bejn l-età tal-irtirar u l-65 sena tinżel minn 15% għal 10%.

## 8. Biex aktar persuni b'diżabbiltà jidħlu fid-dinja tax-xogħol

Gvern Nazzjonalista diġà żgura li s-servizzi edukattivi jkunu inklussivi għal persuni b'diżabbiltà. Il-pass li jmiss huwa li dawn il-persuni jsibu posthom fid-dinja tax-xogħol fejn ikunu jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom waqt li jkompli jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom. Għal dan il-għan:

i. Permezz tal-ETC jissaħħu b'mod qawwi l-inċentivi biex min jimpjega jħaddem persuni b'diżabbiltà li jistgħu jaħdmu f'post tax-xogħol, fost l-oħrajn billi min iħaddem jiffranka l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali;

ii. Il-Gvern jassigura li hu stess, fir-rwol tiegħu ta' *employer*, ikun tal-aqwa eżempju u jżid ir-rata minima ta' 2% ta' persuni b'diżabbiltà impjegati ma' organizzazzjonijiet pubbliċi għal 4%;

iii. Persuni b'diżabbiltà li jistgħu jaħdmu f'post tax-xogħol protett, ikollhom

opportunitajiet tax-xogħol adattat għalihom. Dan isir billi jitwaqqfu Ċentri apposta ta' xogħol protett *(sheltered workshops* u *enclaves)* għal dan il-għan kif ukoll billi bi sħab mal-privat ikun hemm ċentri simili fil-postijiet eżistenti ta' xogħol;

iv. Koperattivi li aktar minn nofs il-membri tagħhom ikunu persuni b'diżabbiltà jingħataw preferenza f'għotjiet ta' *tenders* pubbliċi;

v. Jinfetħu ħames Ċentri ta' Matul il-Jum oħra għal persuni b'diżabbiltà severa li ma jkunux jistgħu jaħdmu la f'xogħol miftuħ u lanqas f'xogħol protett.

## Inċentivi għan-negozju biex noħolqu aktar xogħol

### 9. Inħajruk tibda n-negozju tiegħek

i. Jekk għandek anqas minn 25 sena jew kont tirreġistra għal ħames snin jew jekk għandek 45 sena jew aktar u tlift l-impjieg, inħajruk tiftaħ negozju tiegħek billi fl-ewwel sentejn neżentawk mit-taxxa tad-dħul u nikkreditawk bil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kif ukoll, jekk twaqqaf kumpanija, neżentawk mill-ħlas ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija u minn spejjeż amministrattivi oħra bħal ħlasijiet ta' liċenzji. Tibda tħallashom biss mit-tielet sena.

ii. F'każ li n-negozju jinfetaħ minn mara, l-inċentiv jgħodd għal tliet snin flok tnejn.

iii. F'każ li n-negozju jinfetaħ f'Għawdex, l-inċentiv ukoll jgħodd għal tliet snin flok tnejn.

iv. Noħolqu wkoll *start-up grants* biex nassistu negozju li jkun qed jibda.

### 10. Għajnuna lin-negozji u s-*self employed*

Wara t-twaqqif tal-*Business First* li huwa l-ewwel *one-stop-shop* komplet għan-negozji f'Malta u l-*Gateway to Export,* inkomplu ngħinu lin-negozju u nħajru aktar negozji jimirħu barra minn Malta, inkluż permezz tal-bejgħ bl-*internet*, billi:

i. Nallokaw aktar fondi mill-Unjoni Ewropea biex nassistu n-negozji jinvestu aktar fil-kompetittività internazzjonali, l-innovazzjoni, l-*e-business*, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-ambjent u l-i*start-ups*.

ii. Jitwaqqaf fond għal *patents* biex jippermetti innovaturi Maltin, partikolarment żgħażagħ, jirreġistraw il-*patents* f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Dan filwaqt li nibqgħu neżentaw id-dħul mill-*patents* mit-taxxa flimkien mal-*copyrights* fuq kotba, *scripts* tal-*films,* kant u arti.

iii. Il-Gvern jintrabat li persentaġġ mix-xiri tiegħu jsir mingħand negozji żgħar.

### 11. Jitwaqqaf *Development Bank*

Jitwaqqaf *Development Bank* ibbażat fuq il-mudell modern ta' banek għall-iżvilupp ta' pajjiżi Ewropej bħall-Ġermanja bil-għan li jgħin fit-twaqqif u t-tkabbir tal-intrapriża Maltija u sabiex jipprovdi spazju ġdid lill-innovazzjoni u l-kreattività fi prodotti u proċessi industrijali ġodda mill-Maltin. Il-Bank jipprovdi *seed capital* lil dawk li jridu jibdew intrapriża ġdida u jonqoshom il-kapital. Il-Bank jagħti attenzjoni partikulari lill-intrapriża fis-setturi tal-ambjent, l-enerġija alternattiva, agro-industrija, agro-turiżmu u l-industrija ta' sostenibbiltà.

### 12. Jiġi faċilitat it-twaqqif ta' Bank Koperattiv

Tiġi emendata l-liġi li tirregola l-banek biex ikun possibbli t-twaqqif ta' bank koperattiv li minnu jibbenefikaw kemm il-koperattivi kif ukoll in-negozji ż-żgħar tagħna. Fid-dinja hawn eluf kbar ta' banek koperattivi li għandhom mijiet ta' eluf ta' membri. Ebda wieħed minn dawn il-banek ma falla, kellu bżonn għajnuna jew keċċa impjegati fil-kriżi bankarja li ħakmet lid-dinja. Dan għaliex il-prijorità għal bank koperattiv huwa l-ispirtu koperattiv u s-solidarjetà. Il-banek koperattivi fl-Ewropa jipprovdu l-maġġoranza assoluta tal-finanzjament għan-negozji ż-żgħar u jgħinu biex jiżdiedu l-impjiegi.

### 13. *e-Innovation*

Niffaċilitaw l-*e-innovation* li tippermetti lis-settur privat, akkademiku, għaqdiet mhux-governattivi u anki lill-pubbliku jagħmlu dak li jistgħu jagħmlu aħjar mill-Gvern. Dan isir billi l-Gvern jagħti aċċess għal *data* mhux personalizzata sabiex kull min irid li jiżviluppa ideat innovattivi għall-użu u l-applikazzjoni ta' din l-informazzjoni jkun jista' jagħmel dan. Dan jagħti skop għal min mhux parti mill-Gvern li jagħmel xogħol li qabel seta' jsir mill-Gvern biss. B'hekk jinfetaħ aktar spazju għal kull min irid, jitkattar investiment ġdid u innovattiv u jinħolqu aktar opportunitajiet ta' xogħol. Fl-istess ħin, il-pubbliku jgawdi minn *software*, applikazzjonijiet u servizzi ġodda.

### 14. Is-settur tal-*online gaming*

F'għaxar snin ħloqna mix-xejn is-settur tal-*online gaming* u ġibnieh settur ekonomiku li jħaddem 7,000 ruħ direttament jew indirettament. Fil-ħames snin li ġejjin se nwaqqfu entità dedikata għal dan is-settur, bi sħubija mal-privat, li tagħmel *marketing* għal pajjiżna bħala l-aħjar post fid-dinja fejn tista' twaqqaf negozju f'dan is-settur. Naħdmu mas-settur tal-edukazzjoni biex ikollna korsijiet speċjalizzati ta' livell għoli f'dan il-qasam li jattiraw studenti anki minn barra. Nirregolaw is-suq ġdid tal-*games of skill with prize* biex insiru fost l-ewwel fid-dinja f'dan il-qasam ġdid. U nżidu l-inċentivi biex nattiraw aktar kumpaniji tal-*mobile-gaming.*

### 15. Is-settur tal-kreattività

i. Jitwaqqaf fond biex jipprovdi *start-up grants* u kapital ta' bejn €25,000 u €50,000 lil *start-ups* fl-industrija ġdida tal-*digital gaming*.

ii. Jiġu żviluppati *creative clusters* f'Malta u Għawdex għal *games, media, design, crafts* u *performing arts* biex jippromwovu t-twaqqif ta' *start-ups*, l-imprenditorija fis-settur tal-kreattività u l-innovazzjoni u sabiex iżidu l-kontribuzzjoni tal-kultura għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-pajjiż.

iii. Jingħataw inċentivi fiskali għas-settur tal-kreattività u b'mod partikolari dawk imwaqqfa jew li jgħixu fil-Belt Valletta.

iv. Inkomplu nattiraw kumpaniji internazzjonali tad-*digital games* billi noffru inċentivi ġodda.

v. Jitwaqqaf Fond għall-Wirt Kulturali.

vi. Inżidu d-*Digital Games Fund*.

vii. Titwaqqaf skema ta' apprendistat li tippermetti *placements* ta' taħriġ u xogħol fis-settur tal-kreattività.

### 16. Lejn aktar rekords fit-turiżmu

Wara s-snin ta' rekords fil-qasam tat-turiżmu nkomplu nwettqu l-pjan tagħna fil-qasam tat-turiżmu billi ninvestu mill-anqas €215-il miljun fis-settur sabiex, fost l-oħrajn, nieħdu dawn l-inizjattivi:

i. Inżidu aktar rotot lejn u minn Malta u naħdmu sabiex jinfetħu swieq ġodda;

ii. Issir ħidma mal-linji tal-ajru, operaturi turistiċi u lukandiera sabiex ikompli jiżdied it-turiżmu fix-xhur tax-xitwa u dan billi niżviluppaw il-kunċett ta' *city break destination* u billi jiżdied ir-reklamar fix-xitwa permezz ta' *joint marketing schemes;*

iii. Jittieħdu miżuri sabiex jinġiebu f'Malta konferenzi kbar u noffru postijiet pubbliċi sabiex jintużaw waqt dawn il-konferenzi;

iv. Intejbu u nkabbru l-faċilitajiet fil-Port il-Kbir sabiex inkunu nistgħu nattiraw aktar *cruise liners* lejn pajjiżna filwaqt li nħajru aktar kumpaniji tal-*cruises* sabiex jużaw lil Malta għal *home porting*;

v. Inkomplu norganizzaw, ngħinu u nippromwovu l-attivitajiet kulturali u popolari fosthom il-Karnival, il-Jazz Festival, il-Malta Arts Festival, l-Isle of MTV, in-Notte Bianca u l-attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali, sabiex nattiraw aktar turiżmu kulturali lejn pajjiżna;

vi. Inkomplu nirreklamaw pajjiżna bħala waħda mill-aqwa destinazzjonijiet għad-*diving* grazzi għall-fatt li għandna l-aktar baħar nadif fil-Mediterran. Ninvestu wkoll fl-infrastruttura li tgħin l-industrija tad-*diving* billi ntejbu l-aċċessibbiltà minn fuq l-art għas-siti popolari mal-għaddasa u billi nżidu n-numru ta' *wrecks* li tant saru popolari mal-għaddasa li jiġu pajjiżna;

vii. Ngħinu lill-iskejjel li jgħallmu l-Ingliż fil-ħidma tagħhom sabiex jattiraw studenti minn swieq ġodda bħal dak tal-Brażil, iċ-Ċina, il-Ġappun u t-Turkija;

viii. Inwettqu aktar skemi għall-operaturi fis-settur sabiex titjieb il-kompetittività tal-industrija;

ix. Naħdmu biex pajjiżna jkollu aktar *Blue Flag Beaches*;

x. Inressqu t-turiżmu lejn il-bliet u l-irħula Maltin kollha billi nippromwovu l-karatteristiċi uniċi ta' dawn il-lokalitajiet;

xi. Ngħinu lil sidien ta' binjiet antiki abbandunati f'ċentri storiċi sabiex jirrijabilitaw dawn il-binjiet u jużawhom għal skopijiet ta' turiżmu;

xii. Jissaħħaħ ir-reklamar ta' Malta fuq l-internet;

xiii. Ma' dawn Għawdex se jgawdi wkoll minn miżuri addizzjonali li jinsabu fit-taqsima ta' dan il-programm dwar Għawdex.

## 17. Miżuri favur l-industrija

i. Nallokaw €100 miljun fuq il-perjodu ta' ħames snin biex inkomplu nsaħħu l-industrija f'pajjiżna b'inċentivi li jassistu fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, s-sostenibbiltà fis-settur tal-energija, fl-identifikazzjoni ta' swieq ġodda u fir-riċerka u l-iżvilupp.

ii. Fl-aħħar erba' snin tajna aktar minn €200 miljun f'*tax credits* li stimulaw investimenti ta' aktar minn €500 miljun fl-industrija Maltija. Gvern Nazzjonalista juża s-sistema ta' konverżjoni tat-*tax credits* fi *grants* għall-industrija biex inkomplu ninċentivaw l-industrija stabbilita tkompli tinvesti f'teknoloġiji ġodda li permezz tagħhom jinħolqu postijiet tax-xogħol ġodda u postijiet tax-xogħol aħjar.

iii. Mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea nagħmlu programm ġdid biex inkomplu ngħinu lin-negozji fil-kompetittività internazzjonali, l-innovazzjoni, l-*e-Business*, ir-riċerka u

l-iżvilupp, l-ambjent u l-*istart-ups*. Il-programm se jkun imsejjaħ *40 million for industry.*

iv. Inkomplu nassistu lill-industrija ta' pajjiżna biex tilqa' għall-isfida tal-prezz tal-enerġija billi l-iskema ta' investiment *High Energy User Scheme* għall-fabbriki titwessa' għall-fabbriki kollha għal aktar min 1GwH fis-sena u wara dawn ta' 0.5GwH fis-sena.

v. Nagħtu *research and innovation grants* ta' 25% tal-investiment meħtieġ b'kundizzjoni li r-riċerka jipparteċipaw fiha riċerkaturi Maltin bi preferenza għal dawk li jwettqu r-riċerka b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta u l-MCAST. Il-Gvern se jalloka fond ta' €10 miljun biex nattiraw €40 miljun riċerka f'pajjiżna.

vi. Inkomplu l-investiment fil-BioMalta Campus b'investiment ta' €38 miljun u li se joffri l-infrastruttura neċessarja għall-iżvilupp tal-*Life Sciences* f'pajjiżna.

vii. Nagħtu *seed funding* u inċentivi biex nattiraw investiment privat fir-riċerka f'dan is-settur.

viii. Il-Malta Enterprise, flimkien mal-MEPA, tagħmel *master plan* għal kull zona industrijali biex jistabbilixxu l-parametri ta' żvilupp bl-istudji meħtieġa biex b'hekk kull żvilupp li jsir f'fabbriki u li jsegwi l-parametri stabbiliti ma jkunx meħtieġ proċess normali ta' ppjanar iżda tintuża s-sistema ta' DNO biex b'hekk jitħaffef iż-żmien ta' żvilupp ta' fabbrika ġdida jew estensjoni approvata mill-ME u ż-żmien li din il-fabbrika tibda topera.

ix. Flimkien mal-industrija permezz tal-*Public Private Partnership* noħolqu infrastruttura komuni biex l-industrija jkollha l-apparat meħtieġ biex tagħmel *product design* u *prototyping* ta' prodotti ġodda li qed jiġu kkunsidrati għal kummerċjalizzazzjoni.

x. Skemi aktar iffukati fuq il-ħtiġiet tal-industrija biex tidentifika swieq ġodda billi ngħinu finanzjarjament fl-ispejjeż li jsiru fuq *internationalisation efforts* billi jingħata *tax credit* ta' 50% tan-nefqa li ssir.

## 18. Bdiewa, Raħħala u Sajjieda

i. Il-bdiewa, raħħala u sajjieda jkunu rikonoxxuti bħala intrapriżi biex hekk ikunu jistgħu jibbenefikaw minn inċentivi finanzjarji nazzjonali jew fondi Ewropej li bħalissa mhumiex intitolati għalihom.

ii. Ikomplu n-negozjati mal-Unjoni Ewropea biex jinkiseb pakkett ta' assistenza finanzjarja ieħor tajjeb biex inkomplu ngħinu lill-bdiewa u lir-raħħala jkomplu jaqdu l-funzjoni tagħhom ta' gwardjani tal-kampanja.

iii. Inlestu r-riforma tal-Pitkalija wara l-proġett pilota kofinanzjat mill-UE li bih se nifirxu r-riforma fuq il-pitkalija kollha bil-għan li l-bidwi, il-pitkal u x-xerrej ikollhom l-aqwa prodott, frisk u ta' kwalità x'jgħaddu lill-konsumatur. Issir kampanja ta' informazzjoni u promozzjonali favur il-prodott Malti ta' kwalità u jsir l-investiment neċessarju fl-istrutturi biex il-ħaddiema kollha jaħdmu f'aktar kumdità u f'aktar iġene tal-ikel.

iv. Bi sħubija mal-Kunsilli Lokali, jitwaqqfu aktar *Farmers' Markets* madwar Malta u Għawdex wara s-suċċess tal-*Farmers' Market* f'Ta' Qali biex b'hekk noħolqu aktar opportunitajiet ta' bejgħ għall-bidwi u aktar għażla għalik bħala konsumatur.

v. Jidħol fis-seħħ l-istandard nazzjonali *Naturalment Malti* fuq numru ta' prodotti lokali bħal frott u ħaxix, ħalib, majjal u ġbejniet u ssir kampanja qawwija ta' informazzjoni u jkun hemm spettorat li jassigura li l-istandards jinżammu.

vi. Tidħol skema ta' assigurazzjoni għall-bdiewa u raħħala biex ir-riskji li jkunu marbuta ma' maltemp jew mard li jaffettwa l-prodott jew l-annimali jkunu koperti minn polza ta' assigurazzjoni. L-iskema tkun iffinanzjata b'mod konġunt bejn il-bdiewa u raħħala u fondi tal-Gvern u l-UE.

vii. Titwettaq politika ta' rilokazzjoni ta' rziezet mill-abitat f'zona li dalwaqt jinħarġu l-permessi għaliha.

viii. Nagħtu għajnuna finanzjarja lill-bdiewa u r-raħħala sabiex itejbu t-trejqiet u s-sqaqien li jwasslu għall-għelieqi tagħhom.

ix. Nagħtu għajnuna finanzjarja u taħriġ sabiex il-bdiewa u r-raħħala jieħdu ħsieb il-ħitan tas-sejjieħ tal-għelieqi tagħhom.

x. Issir skema li tgħin lill-bdiewa u lir-raħħala jinvestu fl-intrapriża u l-irziezet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jilqgħu kemm lit-turisti kif ukoll lill-pubbliku Malti għal zjarat. L-iskema tinċentiva inizjattivi bħal informazzjoni u esperjenza tal-proċess agrikolu, *tastings,* bejgħ dirett u passiġġati fiz-zona rurali.

xi. Jinbeda proġett tal-bini ta' *breakwater* f'Marsaxlokk, li permezz tiegħu noffru protezzjoni u kenn lis-sajjieda li jużaw dan il-port u rmiġġi ġodda għas-sajjieda.

xii. Il-Gvern, flimkien mal-Koperattivi tas-Sajd, iħejji skemi biex is-sajjied jiddiversifika billi jitħajjar jinvolvi ruħu fl-industrija tal-akwakultura.

xiii. Tiġi introdotta skema ta' assigurazzjoni lis-sajjieda biex ir-riskji marbuta mal-bastimenti tagħhom ikunu koperti minn polza ta' assigurazzjoni. Issir ukoll skema li permezz tagħha s-sajjieda li jaħdmu għal rashom ikunu jistgħu jiġu megħjuna finanzjarjament meta l-istaġun tas-sajd ikun magħluq.

xiv. Jitkompla l-proġett tal-Pixkerija l-ġdida u jibda x-xogħol fuq il-*hatchery* l-ġdida għall-akwakultura filwaqt li tibda tiġi implimentata l-Istrateġija fuq l-Akwakultura.

## 19. Tnaqqis tat-taxxa

i. Min l-uniku dħul tiegħu hija l-paga minima u l-bonus statutorju ma jħallasx taxxa tad-dħul.

ii. Nerġgħu nwessgħu t-*tax bands* biex innaqqsu t-taxxa tad-dħul għal kulħadd.

iii. Titneħħa t-taxxa tal-boll fuq it-trasferiment tal-proprjetà kollha mill-ġenituri għat-tfal kemm b'wirt mal-mewt tagħhom kif ukoll b'donazzjoni.

iv. Fl-2012 daħħalna skema li permezz tagħha d-dħul fuq kera ta' proprjetà skedata fi Grad 1 jew 2 jew li proprjetà li tiġi restawrata f'Zoni ta' Konservazzjoni Urbana jiġi ntaxxat b'*final withholding tax* imnaqqsa. Din l-iskema tinfirex billi l-*income tax* titnaqqas minn 35% għal *final witholding tax* ta' 15%. B'hekk int tkun tista' tikri l-proprjetà tiegħek u sserraħ rasek li taf kemm se tħallas taxxa minn qabel.

## 20. Ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa

i. Il-ġlieda kontra min jevadi t-taxxi tagħmel ġustizzja ma' dak li jħallas dak li huwa dovut. Wara l-amalgamazzjoni tad-dipartmenti prinċipali li jiġbru t-taxxa f'pajjiżna, ninvestu aktar riżorsi fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa biex jiżdied id-dħul tal-Gvern mingħajr ma jiżdiedu t-taxxi.

ii. Sabiex jiġi attakkat aktar l-abbuż tal-benefiċċji soċjali li tant jiswew flus u li tant huma importanti għal min għandu tassew bżonnhom, jiddaħħlu pieni aktar ħorox u skwalifika minn benefiċċji soċjali għal kull min jinqabad jabbuża.

iii. Issir reviżjoni tas-sistema tal-multi u interessi mħaddma mid-Dipartment tat-Taxxa biex waqt li nassiguraw li dawn jibqgħu jservu ta' deterrent għal min idum biex iħallas it-taxxa dovuta, min-naħa l-oħra nagħmluha aktar faċli li persuna tirregolarizza ruħha mingħajr multi u interessi esaġerati u mingħajr ma tispiċċa l-ħabs.

iv. Tiddaħħal il-possibbiltà ta' medjazzjoni u arbitraġġ fil-kamp fiskali sabiex jinstabu soluzzjonijiet ġusti u aktar malajr bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u min għandu jagħti.

v. Tiġi implimentata s-sistema ta' tpaċija ta' taxxa dovuta minn individwi kontra *refunds* dovuti mill-Gvern lill-istess individwi. B'hekk tispiċċa darba għal dejjem l-anomalija li xi ħadd għandu jiġi ssikkat iħallas taxxi lill-Gvern meta fl-istess ħin ikun qed jistenna ħlasijiet mill-Gvern stess.

## Jidħlu wkoll minnufih dawn il-miżuri tal-baġit li l-Partit Laburista vvota kontrihom

### 21. Tnaqqis tat-taxxa tad-dħul

Kif għamel fl-aħħar ħames snin, Gvern Nazzjonalista jerġa' jnaqqas l-*income tax*. Fuq medda ta' tliet snin, id-dħul sa €60,000 jiġi ntaxxat bir-rata ta' 25% minflok 35%. L-*income tax* titnaqqas minn 35% għal 32% fl-2013, minn 32% għal 29% fl-2014 u minn 29% għal 25% fl-2015.

### 22. Tnaqqis ta' taxxi fuq proprjetà

i. Titneħħa t-taxxa tal-boll fuq it-trasferiment ta' proprjetà residenzjali mill-ġenituri għat-tfal kemm b'wirt mal-mewt tagħhom kif ukoll b'donazzjoni.

ii. Għal min jixtri proprjetà, il-valutazzjoni li jagħmel il-perit tal-bank se tittieħed bħala konferma tal-prezz tas-suq u b'hekk mhux se jintbagħat aktar il-perit tal-Gvern. B'hekk jispiċċa darba għal dejjem l-inkwiet li tista' teħel aktar taxxa mill-prezz li bih xtrajt il-proprjetà.

iii. F'każ ta' proprjetajiet li l-valur tagħhom jaqbeż il-€250,000, se nibdew proċess bi prova fejn, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, fl-istadju li jsir il-konvenju, ix-xerrej u l-bejjiegħ ikunu jistgħu jitolbu lid-Dipartment jibgħat il-perit tiegħu qabel biex joħroġ l-istima tal-prezz li fuqu jkun irid jitħallas il-boll. Din il-valutazzjoni tibqa' valida sitt xhur mid-data li tinħareġ;

iv. Nestendu ż-żmien għall-bejgħ b'*final withholding tax* ta' 12% minn seba' snin għal 12-il sena.

v. Bħalissa min jixtri proprjetà residenzjali jħallas 5% taxxa tal-boll kif jaqbeż €116,500. Bit-tnaqqas fit-taxxa li tħabbar fil-baġit, sa €150,000 jitħallas 3.5%. Dan il-benefiċċju jgħodd ukoll għal min jixtri t-tieni dar, u jbigħ l-ewwel dar.

## 23.Tnaqqis ta' taxxi fuq karozzi u muturi

i. Innaqqsu t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq karozzi *Euro 5* sa massimu ta' 30% filwaqt li fuq karozzi *Euro 4* it-taxxa tiżdied b'medja ta' 10%.

ii. Tingħata għotja ta' €500 lil kull min jixtri karozza kemm privata kif ukoll kummerċjali N1 ġdida u jiskrappja l-qadima.

iii. Titneħħa t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi klassiċi eqdem minn 50 sena u d-definizzjoni ta' vetturi klassiċi tinżel minn 35 għal 30 sena. Titneħħa wkoll il-liċenzja annwali tal-karozza fuq vetturi klassiċi.

iv. Jingħata rifużjoni ta' €200 kull min jaqleb il-karozza tiegħu għall-*autogas* u jitwaqqfu *charging points* għal karozzi li jaħdmu bl-elettriku.

v. Inħeġġu x-xiri ta' *scooters* jew muturi ta' ċilindraġġ baxx biex intaffu l-problema ta' konġestjoni tat-traffiku fit-toroq billi nneħħu għal kollox it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq muturi sa 250cc u nnaqqsu t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq muturi oħra b'25%.

## 24. Ix-xogħol tiegħek irendi aktar

i. Jekk qiegħed fuq il-paga minima, irriduk tibda taqla' aktar u mhux niffriżawlek il-paga. Għaldaqstant se nwessgħu l-iskema li permezz tagħha tingħata *allowance* ta' €25 fil-ġimgħa jekk tibda titħarreġ għal erba' sigħat fil-ġimgħa u ma taqlax aktar minn €300 fil-ġimgħa. B'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar li tibda tagħmel xogħol li jrendi paga aħjar.

ii. Intejbu l-iskema li tiffoka fuq programm innovattiv tal-apprendistat u tagħti inċentivi finanzjarji lil min iħaddem u lill-istudenti. Se nestendu l-iskema u niftħuha għal aktar setturi. Il-Gvern iħallas il-bolla minflok min jimpjega. Inżidu l-istipendju tal-apprendisti minn €86 għal €95 u għal ċerti setturi fejn il-Gvern flimkien mal-industrija jħoss li jkun hemm bżonn ta' aktar investiment, se nżidu l-istipendju b'€20 oħra minn fuq iż-żieda mħabbra fl-aħħar bagit.

iii. Il-programm *Youth.Inc* li huwa mmirat għal żgħażagħ bejn is-16 u l-21 sena li, meta jkunu fis-sistema edukattiva jew f'post tax-xogħol, jerġgħu jingħataw ċans ieħor b'taħriġ speċjalizzat. Dan il-programm se jkun estiż sal-età ta' 24 sena biex joħloq sistema edukattiva li toffri taħriġ bażiku u esperjenza fuq il-post tax-xogħol.

iv. Inniedu skema B.START, li biha negozju stabbilit se jingħata tnaqqis mit-taxxa, sa massimu ta' €30,000 għal investiment fil-kapital ta' impriża ġdida approvata mill-Malta Enterprise. Din l-iskema se toħloq opportunità għal dak li jissejjaħ *crowd funding*.

## 25. Inċentivi oħra għan-negozju

i. Ngħinu aktar lil tal-ħwienet u l-impriża żgħira billi nestendu l-iskema tal-*MicroInvest* għal negozji li jimpjegaw sa 30 ruħ flok sa 10 kif inhi llum. B'hekk inkomplu nħajru n-negozju jikber. Din l-iskema tagħti 40% minn dak li jiġi investit fi tnaqqis ta' taxxa sa €25,000 u 60% fil-każ ta' negozju f'Għawdex.

ii. Jitwaqqaf *Tech Hub Incumbation Facility* għall-industrija tad-*digital gaming* u skema ta' *twinning* li tgħaqqad l-Università ta' Malta ma' universitajiet oħra li joffru l-aħjar korsijiet f'dan il-qasam.

iii. Inkomplu nassistu fl-investiment meħtieġ fil-lukandi billi jibbenefikaw minn *investment aid* ta' 15% tal-ispiża kapitali tagħhom f'forma ta' *tax credits*. Dan ifisser li għal kull €100 investiment se jkunu jistgħu jnaqqsu €15 mill-kont tat-taxxa u mhu se jkun hemm l-ebda *capping* fuq dan l-ammont.

iv. Inniedu skema ta' inċentivi biex jiżdied l-għadd ta' *boutique hotels* fil-Belt Valletta, l-Imdina u t-Tlett Ibliet. L-inċentivi li qed jiġu proposti jinkludu tnaqqis ta' taxxa fuq investimenti relatati ma' spejjeż għax-xiri u l-iżvilupp ta' siti bħal dawn, kif ukoll tnaqqis fil-miżati relatati ma' permessi, b'mod partikolari tal-MEPA u tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. L-istess miżuri jiġu estiżi wkoll għal Għawdex.

## 26. Sena xogħol fil-volontarjat

Jekk dejjem xtaqt tgħin fil-volontarjat u qatt ma sibt iċ-ċans se nintroduċu skema ta' sena xogħol fil-volontarjat għaż-żgħażagħ kemm f'Malta jew barra li fiha inti tista' tibbenefika minn taħriġ fis-sens ċiviku, fid-dixxiplina, fl-edukazzjoni fiżika, l-isport, il-ħidma umanitarja u ż-żamma tal-paċi. L-iskema jistgħu jużawha żgħażagħ li jkollhom sa 25 sena, jew studenti sa tliet snin wara li jiggradwaw mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja tagħna u li jqattgħu sena jaħdmu b'xogħol volontarju f'Malta jew barra. Matul din is-sena ż-żgħażagħ jingħataw l-istipendju u jiġu akkreditati bil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

# Qabża oħra ta' kwalità fis-saħħa

**Għall-PN is-saħħa l-ewwel. Għax nafu li mingħajr saħħa ħadd mhu xejn, aħna investejna f'servizz tas-saħħa tal-aqwa kwalità u b'xejn. Mal-PN is-servizz tas-saħħa jibqa' b'xejn għax aħna rridu nkunu miegħek fl-aktar mumenti diffiċli. Irridu nagħtuk is-serħan tal-moħħ li hemm min jieħu ħsiebek mingħajr ma tinkwieta fuq jekk tistax taffordja l-kura tiegħek. Irridu nagħtuk servizz dejjem aħjar u dejjem aktar viċin tiegħek. Aħna ngħożżu l-kontribut li jagħtu l-professjonisti u l-ħaddiema kollha fis-servizz tas-saħħa u rridu naħdmu magħhom biex dan is-suċċess inkomplu nsaħħuh. Biex nagħmlu qabża oħra ta' kwalità fis-saħħa qed nipproponu dawn il-miżuri ġodda għall-ħames snin li ġejjin.**

## 27. Prijorità fuq il-kura primarja

Il-pass li jmiss fil-qasam tas-saħħa huwa fil-kura primarja. Se nibnu żewġ ċentri reġjonali ġodda li joffru l-aktar firxa wiesgħa ta' servizzi tas-saħħa possibbli. Inwettqu wkoll proġetti ta' mmodernizzar u tisbiħ taċ-Ċentri kollha tas-Saħħa. Tiżdied l-aċċessibbiltà għall-kura primarja fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, billi jiżdied in-numru ta' riżorsi umani u billi ninvestu fl-aħjar użu ta' sistemi moderni tal-informatika, bil-pjattaformi tas-*social networks* u *portals* apposta li joffru l-għajnuna meħtieġa lill-individwu li jfittixha permezz tal-informatika.

## 28. Ċentru għar-Riabilitazzjoni

Jinfetaħ Ċentru għar-Riabilitazzjoni, li jinkorpora s-servizzi kollha li l-pazjent għandu bżonn matul il-perjodu ta' riabilitazzjoni tiegħu. Dawn jinkludu oqsma speċjalizzati, inkluż servizzi u programmi ta' riabilitazzjoni kardijaċi, respiratorji u ortopediċi.

## 29. Ġlieda kontra d-dijabete

Malta ssir ċentru ta' eċċellenza fil-ġlieda kontra d-dijabete, kundizzjoni li taffettwa mal-10 fil-mija tal-popolazzjoni kollha. Inżidu l-isforzi tagħna fil-prevenzjoni ta' din il-marda billi nestendu inizjattivi ta' *screening* u edukazzjoni relatati ma' din il marda, inkluż b'aktar inizjattivi biex innaqqsu l-obesità. B'hekk naħdmu aħjar sabiex jonqsu n-numru ta' nies li jiżviluppawha, filwaqt li nkunu nistgħu ngħinu aktar lin-nies li jbatu bid-dijabete. Nibqgħu nipprovdu mediċini b'xejn lil dawk bid-dijabete kif ukoll nipprovdu ħtiġiet oħra bħal dawk neċessarji għall-ittestjar tal-livell taz-zokkor. Id-dijabete jkun ukoll qasam prijoritarju fir-riċerka. B'hekk jekk tbati bid-dijabete, se nkunu qed ngħinuk tieħu ħsieb lilek innifsek aħjar, tgħix kwalità ta' ħajja aħjar u tesperjenza inqas diffikultajiet finanzjarji.

## 30. Ġlieda kontra l-kanċer

Jekk int taf xi waħda minn dawk il-150 mara li ħajjitha ġiet salvata grazzi għall-programm ta' *screening* tal-*Breast Cancer*, int tifhem kemm hu importanti li nsaħħu l-ġlieda tagħna kontra din il-marda qerrieda. Għaldaqstant se nwessgħu l-*iscreening* għall-kanċer fuq firxa iżjed wiesgħa tal-poplu tagħna sabiex numru akbar ta' individwi jiġu *screened* b'xejn, fiż-żmien opportun f'ħajjithom. Barra minn hekk se niftħu ċ-Ċentru l-ġdid tal-Onkoloġija li se jipprovdi qabża kbira ta' kwalità 'l quddiem fuq l-Isptar Boffa, u li se jilqa' ferm aktar

pazjenti. Se nestendu wkoll is-servizz tas-saħħa fil-kura tal-kanċer ta' tipi differenti biex b'hekk tonqos dejjem aktar il-ħtieġa li pazjent ikollu għalfejn jintbagħat għall-kura barra, 'il bogħod mill-qraba tiegħu.

## 31. Aktar mediċini għalik meta jkollok bżonnhom

i. Tiżdied u tissaħħaħ il-firxa ta' mediċini, servizzi u apparat b'xejn.

ii. Fejn jirriżulta li mediċina partikolari li int intitolat għaliha tkun *out of stock,* il-Gvern se jagħti lura kumpens lil min ikun xtraha privatament għaliex ikollu bżonnha urġenti, skont prezzijiet stabbiliti.

iii. F'każijiet eċċezzjonali ta' mard gravi fejn il-mediċina indikata mhix fuq il-Formularju tal-Gvern, nintrabtu li l-Gvern iħallas kemm tiswa l-mediċina li ġeneralment tiġi preskritta, biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta mal-mediċina l-ġdida.

## 32. Servizz mediku privat

i. Biex tonqos il-pressjoni fuq l-isptar pubbliku, jikber l-ispazju għas-settur privat fil-qasam tas-saħħa sabiex tkompli tonqos l-istennija, jiżdiedu l-operazzjonijiet, interventi, servizzi u investigazzjonijiet li jistgħu jsiru mill-privat u fil-privat bi ħlas mill-Gvern.

ii. Barra minn hekk, kull min jagħmel assigurazzjoni tas-saħħa jkun jista' jnaqqas il-ħlas tal-*premium* mid-dħul taxxabbli tiegħu.

## 33. Inkattru u ntejbu s-servizzi għas-saħħa mentali

Tinħoloq entità akuta ġdida għas-servizzi għas-saħħa mentali, li tkun tinkludi servizzi speċifiċi għat-tfal u l-adolexxenti u *Unit* li tittratta dawk li jissejħu *Eating Disorders*, bħall-*anorexia* u l-*bulimia*.

## 34. Sapport kmieni fil-komunità sabiex l-individwu jibqa' f'daru

Tkun żviluppata sistema ta' ċensiment u monitoraġġ li b'mod reali tista' tidentifika u tissorvelja l-ħin kollu persuni vulnerabbli fis-soċjetà, bil-għan li l-ewwel nett jitbiegħed kemm jista' jkun il-mument fejn il-persuna jkollha tiddaħħal f'waħda mir-residenzi għall-kura, u t-tieni sabiex permezz tal-ħidma flimkien mal-kunsilli lokali, il-Knisja u l-NGOs fir-reġjun partikolari, il-familjari (*carers*) li jieħdu ħsieb lill-individwu fil-komunità jkollhom kull tip ta' sapport adegwat, u jkun possibbli li jsiru l-preparamenti f'waqthom u b'mod koordinat jekk persuna tiġi biex tiddaħħal f'residenza. Bi sħubija ma' NGO, tinfetaħ entità li tilqa' pazjenti li għandhom bżonn kura paljattiva, f'ambjent addattat u xieraq, lejn tmiem il-ħajja tagħhom.

## 35. Min ma jistax ikollu tfal

Wara li għaddejna l-liġi li tirregola l-fertilizzazzjoni assistita (IVF) se nintroduċu din il-proċedura bħala parti mis-servizz tas-saħħa pubblika biex inti tkun tista' tagħmel din il-proċedura b'xejn u mingħajr ma jkollok għalfejn tmur barra minn Malta.

## 36. Servizzi għal persuni li jeħtieġu appoġġ fl-iżvilupp tagħhom

Insaħħu s-servizzi edukattivi, terapewtiċi u ta' saħħa għal dawk it-tfal li jeħtieġu appoġġ professjonali fl-iżvilupp tagħhom. Dan billi noffru s-servizzi ta' assessjar, sapport, terapija u gwida taħt qafas wieħed. Is-servizz iġib flimkien l-aspett mediku, edukattiv u soċjali. B'hekk il-familji jkunu moqdija aħjar u jitnaqqas il-*waiting time*. Barra minn hekk, is-servizz jibqa' jingħata sakemm il-familja jkollha bżonnu, mhux l-anqas fi żmien tal-adolexxenza u fit-tranżizzjoni għall-ħajja adulta.

# Qabża oħra ta' kwalità fl-edukazzjoni

**Il-PN huwa sinonimu mal-edukazzjoni. Għax il-persuna hija fiċ-ċentru tal-politika tagħna aħna għarafna li l-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għall-potenzjal ta' kull persuna. Għalhekk ninvestu dejjem aktar fl-edukazzjoni u edukazzjoni ta' livell għoli. Edukazzjoni mill-bidu sal-livell terzjarju. Edukazzjoni li tilħaq aktar u aktar żgħażagħ, tant li llum, 83% taż-żgħażagħ tagħna jkomplu l-edukazzjoni post-sekondarja. Edukazzjoni tul il-ħajja. Edukazzjoni bi stipendji u *scholarships*. Investiment ma jaqta' xejn fi skejjel ġodda u infrastruttura ġdida fl-Università, l-MCAST u istituzzjonijiet edukattivi oħra. Aħna ngħożżu l-kontribut li jagħtu l-għalliema u l-ħaddiema kollha f'dan il-qasam u rridu naħdmu magħhom biex inkomplu nibnu fuq dan is-suċċess. Biex nagħmlu qabża oħra ta' kwalità fl-edukazzjoni qed nipproponu dawn il-miżuri ġodda għall-ħames snin li ġejjin.**

### 37. *Tablets* għat-tfal fl-iskola

Wara li wettaqna rivoluzzjoni sħiħa fil-kamp tal-edukazzjoni b'teknoloġija mill-aqwa, issa se nagħtu *tablet* personali lill-istudenti u lill-għalliema kollha għall-użu fil-klassi u d-dar. Inwaqqfu fond biex il-kumpaniji lokali li jippubblikaw il-kotba jiżviluppawhom f'format elettroniku u biex l-industrija tal-IT tiżviluppa applikazzjonijiet edukattivi biex jiġi ffaċilitat tagħlim *one-to-one*. It-*tablets* jingħataw kemm lill-istudenti fi skejjel tal-Gvern, kif ukoll fi skejjel indipendenti u tal-Knisja.

### 38. Mal-21 skopri pajjiż Ewropew ieħor

Malli tagħlaq 21 sena tingħata għotja ta' massimu ta' €500 sabiex iżżur pajjiż Membru tal-Unjoni Ewropea u twessa' l-għarfien kulturali tiegħek skont programm approvat. Jekk issegwi kors ta' lingwa barranija waqt din iz-zjara, l-għotja titla' sa massimu ta' €1,000.

### 39. Faċilitajiet ta' *childcare* għal ommijiet li jistudjaw

Is-sistema ta' *vouchers* għas-servizzi ta' *childcare services* tkun tgħodd ukoll għal ommijiet jew missirijiet li jmorru jistudjaw l-Università u l-MCAST jew f'istituzzjoni oħra edukattiva jew ta' taħriġ rikonoxxuta.

### 40. Aktar Ċentri Klabb 3-16

Inżidu aktar Ċentri Klabb 3-16, mal-15 li diġà hawn miftuħa bħalissa u li fihom ikunu jistgħu jattendu tfal ta' bejn it-tliet snin u s-16-il sena. Il-programmi edukattivi, sportivi, rikreattivi u ta' żvilupp li jsiru f'dawn iċ-Ċentri jibqgħu għaddejjin sas-6 p.m. Fiċ-Ċentri jistgħu jattendu studenti mill-iskejjel pubbliċi, tal-Knisja u skejjel indipendenti.

### 41. L-istipendji nsaħħuhom mhux inneħħuhom

Insaħħu s-sistema tal-istipendji u mhux inneħħuha. Insaħħuha b'dan il-mod:

i. Kull sena se nżidu l-istipendji tal-istudenti billi nagħtu ż-żieda tal-għoli tal-ħajja *pro rata*;

ii. Nakkreditaw il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lill-istudenti favur il-pensjoni tagħhom;

iii. Inżidu l-istipendji lil studenti b'diżabbiltà minħabba spejjeż addizzjonali li jkollhom, skont it-tip ta' diżabbiltà.

iv. Inkomplu nagħtu rati ta' stipendji preferenzjali għal dawk il-korsijiet li huma l-aktar importanti fl-oqsma ekonomiċi ġodda tal-pajjiż jew fejn ikun hemm nuqqas ta' ħaddiema gradwati;

v. Inkomplu nżidu l-istipendju supplimentari lil studenti ġejjin minn familji bi dħul baxx.

## 42. Titwaqqaf Akkademja tal-Arti

i. Titwaqqaf l-Akkademja tal-Arti li tiġbor fiha l-iskejjel tal-Mużika, tal-Arti u tad-Drama u ż-Żfin f'*campus* mibni apposta. Din l-Akkademja se tipprovdi spazju u riżorsi artistiċi ġodda u mill-aqwa. B'kollaborazzjoni mas-settur privat se nipprovdu aktar korsijiet u noħolqu opportunitajiet u toroq ġodda għal dawk li huma interessati f'karriera f'dawn l-oqsma. Il-korsijiet iwasslu għal kwalifiċi li jingħataw għarfien kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra.

ii. Ngħinu lill-gruppi ta' żgħażagħ b'talent mużikali li jagħmlu parti minn *bands* ta' mużika *rock, pop* eċċ., billi noħolqu *link* diretta mal-Prinċipal tal-Akkademja Maltija tal-Arti li jkun jista' jipprovdi linji gwida dwar *premises* u skema ta' għajnuna finanzjarja mill-Gvern biex il-membri tal-*bands* ikollhom l-opportunitajiet li għandhom bżonn biex jimirħu u jiżviluppaw it-talenti tagħhom u jsiru parti mill-ekonomija kreattiva ta' pajjiżna.

## 43. Biex aktar studenti jkomplu l-edukazzjoni post-sekondarja

Wara l-ħidma li saret fil-mixja mill-primarja għas-sekondarja, niffokaw fuq it-transizzjoni mis-sekondarja għal edukazzjoni aktar għolja. L-għan tagħna huwa li nkomplu nżidu l-għadd ta' studenti li jkomplu bl-istudji tagħhom wara l-livell sekondarju. Dan inwettquh billi:

i. Inżidu l-opportunitajiet f'livelli u suġġetti differenti;

ii. Nagħtu aktar opportunitajiet biex iż-żgħażagħ jiksbu ċertifikati għall-ħiliet tagħhom;

iii. Inwessgħu n-numri tas-suġġetti vokazzjonali;

iv. Niftħu programmi ġodda li jindirizzaw il-ħtiġiet individwali ta' studenti li għandhom bżonn ta' programm personali ta' studju;

v. Inwessgħu l-iskemi ta' apprendistat;

vi. Nagħtu rikonoxximent għat-tagħlim informali u mhux formali.

## 44. Aktar *scholarships* f'livell terzjarju

Isir aktar investiment, sena wara sena, fi *scholarships* f'kull livell sabiex joffru lill-istudenti Maltin għażla usa' ta' korsijiet ta' edukazzjoni terzjarja f'istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi u privati, kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħrajn tal-Unjoni Ewropea. Matul l-aħħar snin ingħataw 2,000 *scholarship.* Fil-ħames snin li ġejjin nagħtu 3,000.

## 45. Studenti fi skejjel indipendenti

i. Jekk inti ġenitur li tibgħat lit-tfal tiegħek fi skola indipendenti se nkomplu nżidu l-ammont tal-miżata li tista' tnaqqas mid-dħul taxxabbli tiegħek.

ii. Il-Gvern diġà ħabbar fond ta' €1 miljun fis-sena fuq tliet snin biex jipprovdi għajnuna lil Skejjel Indipendenti jinvestu f'riżorsi marbuta ma' investiment fis-*software* u liċenzji tal-IT; titjib f'faċilitajiet ta' xjenza; titjib f'faċilitatjiet sportivi, servizzi marbuta mal-ħtiġiet individwali tal-istudenti; u fl-iżvilupp professjonali tal-għalliema fl-iskejjel privati. Dan il-Fond hu allokat lill-iskejjel privati skont in-numru ta' studenti reġistrati. Dan il-fond issa jiġi estiż għal €2 miljun fis-sena għal ħames snin.

## 46. Għall-istudenti tal-lum u ta' għada

Għall-istudenti ta' għada nkabbru l-*campus* tal-Università, jitlestew il-*campus* il-ġdid tal-MCAST u l-bini l-ġdid tal-ITS.

Sal-2020 Gvern Nazzjonalista jkun wettaq il-programm kollu ta' bini tal-Iskejjel ta' Għada bi skola ġdida kull sena sal-2020 hekk kif ġej:

i. 2013: Skola Sekondarja tal-Bniet Tal-Ħandaq – Kulleġġ San Injazju;

ii. 2014: Skola Sekondarja tal-Bniet Ħal Kirkop – Kulleġġ San Benedittu;

iii. 2015: Skola Sekondarja tas-Subien Raħal Ġdid – Kulleġġ San Tumas Moore;

iv. 2016: Skola Sekondarja tal-Bniet il-Ħamrun – Kulleġġ San Nikola;

v. 2017: Skola Sekondarja tas-Subien il-Ħamrun – Kulleġġ Santa Tereża;

vi. 2018: Skola Sekondarja tas-Subien Pembroke – Kulleġġ Santa Klara;

vii. 2019: Skola Primarja f'Marsaskala – Kulleġġ San Tumas Moore;

viii. 2020: Skola Sekondarja tas-Subien il-Ħamrun – Kulleġġ San Nikola.

ix. Meta se jinbnew l-iskejjel sekondarji l-ġodda ta' Raħal Ġdid u tal-Ħamrun se jinbena wkoll **Ċentru tar-Riżorsi Ġdid** għall-istudenti b'diżabbiltà sabiex ikollhom l-aqwa riżorsi bi programm sħiħ ta' inklużjoni.

x. Matul dawn is-snin se jitkompla jitwettaq il-programm ta' tisbiħ tal-iskejjel sekondarji tal-bniet li hemm l-Imrieħel, Għawdex, iż-Żejtun, il-Mosta u Blata l-Bajda kif ukoll l-iskejjel tas-subien fil-Ħamrun.

## 47. *Culture Card* għall-istudenti kollha

Nifirxu mal-istudenti kollha l-*Culture Card* li qed tingħata bħalissa lill-istudenti ta' *Form I* u *Form II.* Din tibda tingħata lill-istudenti kollha tal-primarja u s-sekondarja biex ikunu jistgħu jżuru siti storiċi u attivitajiet kulturali.

## 48. Inkomplu ninvestu fl-Università

L-Università hija l-għajn ta' dak li jwassal lil pajjiżna lejn soċjetà bbażata fuq l-għarfien, li taspira li tħaddem ekonomija msejsa fuq l-innovazzjoni. Il-PN isarraf it-twemmin tiegħu f'din l-istituzzjoni ewlenija f'pajjiżna b'inizjattivi ta' sostenn:

i. Sabiex tkun salvagwardjata s-sostenibbiltà tal-Università tagħna, nipproponu mudell finanzjarju għall-Università li jirrifletti l-bżonnijiet ta' din l-istituzzjoni ħames snin bil-quddiem. B'hekk l-Università tkun tista' tippjana u timplimenta l-viżjoni tagħha b'futur fis-sod.

ii. Nagħtu titolu tal-proprjetà li l-Università diġà qed tuża, jew li jista' jkollha bżonn tuża aktar 'il quddiem biex timplimenta l-missjoni pubblika tagħha.

iii. Nagħrfu l-bżonn ta' tibdil sostanzjali fil-Kampus tal-Imsida u ninvestu fl-infrastruttura għar-riċerka, it-tagħlim, l-isport u l-faċilitajiet rikreattivi. Niżviluppaw Ċentru għall-Komunità fuq il-Kampus biex l-istudenti u l-akkademiċi Maltin u barranin jevolvu f'komunità ta' tagħlim, riċerka, innovazzjoni, kreattività u rikreazzjoni;

iv. Il-Kampus tal-Belt Valletta jkompli jiġi msebbaħ biex jirrifletti l-identità tal-Università fid-dawl tal-Belt Valletta bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura fis-sena 2018.

v. Inkomplu nrawmu komunità akkademika li tiffoka fuq l-iżvilupp ta' politika għas-sostenibbiltà u l-immaniġġjar tal-art, l-ilma, l-enerġija u l-iskart. L-Università tagħti konsulenza lill-Gvern dwar materji ta' natura strateġika fosthom it-tibdil fil-klima, ħajja sostenibbli, l-iżvilupp tal-*Green economy* u l-introduzzjoni tal-*Blue economy*.

vi. Nixprunaw ir-rwol tal-Università li tirfed diversi oqsma innovattivi b'kunċetti xjentifiċi, fosthom Eko-Għawdex billi r-Razzett ta' Għawdex isir ċentru ta' riċerka, il-kumpless ta' Marsaxlokk jitranġa biex isir Ċentru ta' Riċerka fl-Enerġija Sostenibbli, Ilma u Immaniġġjar tal-Iskart, filwaqt li l-Ġnien tal-Argotti flimkien mal-ġonna tal-madwar jiġu trasformati fi Ġnien Botaniku;

vii. L-Università tkompli twessa' l-funzjoni tagħha fit-trawwim ta' intrapriżi żgħar u medji f'oqsma innovattivi; tikkollabora aktar mill-qrib mal-Kunsill Malti għall-Arti u Xjenza (MCST) u l-Malta Enterprise biex tigi xprunata t-tranżizzjoni ta' Malta lejn ekonomija msejsa fuq l-għarfien u l-innovazzjoni.

viii. Nibnu fuq is-suċċess tal-iskemi tal-Boroż ta' Studju STEPS u MGSS billi nwaqqfu programm ta' fondi għal studenti interessati li jagħmlu riċerka fl-Università wara li jġibu d-dottorat. Noħolqu opportunitajiet biex riċerkaturi Maltin jerġgħu lura Malta biex jagħmlu r-riċerka, ninvestu fondi Ewropej biex, flimkien mas-settur privat niżviluppaw l-infrastruttura tar-riċerka u b'hekk inkunu qed nersqu dejjem aktar lejn il-miri tagħna għar-riċerka u l-innovazzjoni.

## 49. Inkomplu ninvestu fl-MCAST

Flimkien mal-Università ta' Malta nintroduċu aktar korsijiet fuq livell ta' *Bachelors Degree* li jsiru filgħaxija sabiex kull persuna matul ħajjitha jkollha l-opportunità li takkwista kwalifika terzjarja akkademika, filwaqt li tkun għadha fid-dinja tax-xogħol.

Pajjiżna għamel progress kbir fl-edukazzjoni ogħla u terzjarja matul l-aħħar snin. Aħna kommessi li nkomplu nibnu fuq dawn is-suċċessi billi:

i. Inkomplu ninvestu fl-MCAST u fl-ITS biex ikollna dejjem aktar studenti mħarrġin biex jieħdu l-opportunitajiet li toffrilhom l-industrija, filwaqt li dawk kollha li jixtiequ jkomplu jitħarrġu jsibu mod kif itejbu l-prospetti tagħhom li jsibu xogħol. Nispiċċaw nibnu l-kampus il-ġdid tal-MCAST.

ii. Intejbu l-kollaborazzjoni bejn l-Università u l-istituzzjonijiet edukattivi l-oħra biex niffaċilitaw iċ-ċaqliq ta' studenti bejn istituzzjoni u oħra sabiex kulħadd ikun jista' jkompli jiżviluppa l-karriera tiegħu.

iii. Naħdmu biex intejbu l-kollaborazzjoni bejn il-*Junior College* u s-*Sixth Forms* privati, filwaqt li nistimulaw l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla,

partikolarment dawk li jġibu lejn Malta studenti barranin; niffukaw l-isforzi tagħna fuq l-Afrika ta' Fuq, il-Golf Għarbi, l-Amerika, l-Indja u ċ-Ċina. B'hekk Malta tiżviluppa f'ċentru eċċellenti ta' Edukazzjoni Għolja fl-Mediterran.

### 50. Skejjel għall-ġid tal-komunitajiet

L-iskejjel pubbliċi jaqsmu r-riżorsi tagħhom u jkomplu jiftħu l-infrastruttura tagħhom għall-użu tal-komunità li jinsabu fiha. B'hekk l-iskejjel u l-faċilitajiet tagħhom ikunu ta' servizz akbar għall-komunità u ta' appoġġ għall-għaqdiet sportivi u għaqdiet u gruppi oħrajn li għandhom bżonn post fejn jiltaqgħu sabiex jagħmlu *rehearsals* jew taħriġ.

# Qabża oħra fil-kwalità tal-ħajja

**Malta hija mfittxija fid-dinja għall-kwalità ta' ħajja li toffri. Mhux ta' b'xejn. Matul dawn l-aħħar snin investejna bil-kbir fil-kwalità tal-ħajja tiegħek. Allokajna ammont sostanzjali ta' fondi mill-UE fil-qasam tal-ambjent, fl-enerġija rinnovabbli u fl-infrastruttura tat-toroq u tal-portijiet. Immodernizzajna l-flotta sħiħa tat-trasport pubbliku u investejna f'faċilitajiet sportivi. Ħadna ħsieb ukoll il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani, ta' persuni b'diżabbiltà u ta' kategoriji vulnerabbli oħrajn. Biex nagħmlu qabża oħra fil-kwalità tal-ħajja qed nipproponu dawn il-miżuri ġodda għall-ħames snin li ġejjin.**

### 51. Titwettaq il-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent

Jitwettqu l-miżuri favur l-ambjent fil-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent li ġiet addottata fl-2012 wara konsultazzjoni pubblika wiesgħa.

### 52. Noħolqu *parks naturali* ta' rikreazzjoni għall-familji

i. Noħolqu *parks* naturali ta' rikreazzjoni għall-familji u trejqiet għal mixjiet fil-kampanja. Fl-istess ħin se niċċaraw il-liġijiet fuq id-drittijiet ta' passaġġ f'zoni rurali;

ii. Infasslu politika integrata, li tistabbilixxi linji gwida għall-immaniġġjar tal-widien;

### 53. Titwaqqaf Aġenzija Natura

Titwaqqaf aġenzija ġdida, Aġenzija Natura, li tkun responsabbli mill-ħarsien tal-biodiversità u mit-tmexxija u konservazzjoni ta' siti protetti, *parks* u riżervi naturali. Filwaqt li tħarishom għall-valur ambjentali tagħhom issaħħaħ ukoll il-valur soċjo-ekonomiku tagħhom biex ikunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku tal-lum u ta' għada. Fil-ħidma tagħha taħdem id f'id mal-għaqdiet ambjentali.

### 54. Pjan Nazzjonali dwar l-Immaniġġjar tal-Ilma

Jitwettaq il-Pjan Nazzjonali dwar l-Immaniġġjar tal-Ilma li jintegra flimkien il-pjani diġà mfassla dwar l-ilma, l-i*Storm Water Master Plan*, is-*Sewerage Master Plan* u l-*Water Catchment Management Plan*. Fost affarijiet oħra se nagħmlu dan:

i. L-ilma jitħares bħala riżorsa pubblika bil-liġi filwaqt li jitnedew aktar inċentivi għall-konservazzjoni tal-ilma fid-djar, inkluż permezz tal-bjar, u fil-qasam agrikolu.

ii. Pajjiżna llum huwa l-ewwel pajjiż li jittratta d-drenaġġ kollu. Isir investiment biex l-ilma trattat mill-impjanti tad-drenaġġ jintuża għall-agrikultura.

iii. Jitlesta l-proġett nazzjonali kofinanzjat mill-UE li se jsolvi l-problema tal-għargħar f'lokalitajiet bejn Birkirkara u l-Imsida, Ħal Qormi u l-Marsa u Ħaż-Żabbar sa Marsaskala. Dan il-proġett se jżid il-ħażna potenzjali tal-ilma ta' pajjiżna b'erba' darbiet aktar minn dak li għandna llum.

### 55. Kontroll aħjar tat-trabijiet fl-arja

Tiddaħħal għal kollox is-sistema ta' *environmental permits* li permezz tagħha kull settur industrijali, inkluż il-barrieri, ikunu marbuta bi *standards* ambjentali, inkluż fuq it-tniġġis ta' trabijiet fl-arja sabiex tittaffa darba għal dejjem il-problema tat-trabijiet mill-barrieri u impjanti ta' kostruzzjoni.

## 56. Kontroll aħjar tal-ħsejjes

Tissaħħaħ il-liġi kontra t-tniġġis mill-ħsejjes u jinbeda servizz ta' *helpline* għal ilmenti mill-pubbliku dwar ħsejjes li jaqbdu dirett ma' awtorità apposta li tista' tieħu passi legali dwar ħsejjes. Isir servizz ta' medjazzjoni f'każi dwar ħsejjes li jinvolvu residenti li jgħixu ħdejn xulxin filwaqt li l-infurzar isir b'koperazzjoni mal-Pulizija. Jittieħdu wkoll miżuri biex jittaffew il-ħsejjes mit-traffiku fit-toroq arterjali.

## 57. Politika dwar l-Enerġija

Fil-qasam tal-enerġija, Gvern Nazzjonalista huwa impenjat illi:

i. Jipprovdi enerġija nadifa, irħisa u sigura.

ii. Jgħin lill-konsumaturi jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti, responsabbli u sostenibbli.

Il-pjan fit-tul tal-Gvern biex jagħmel l-enerġija tagħna kemm jista' jkun irħisa, nadifa, sigura u sostenibbli, ifisser illi:

i. Bnejna estensjoni ta' 150MW fil-power station ta' Delimara li bdiet taħdem fl-aħħar tal-2012 u li hija impjant nadif u aktar effiċjenti li jnaqqas il-livelli ta' emissjonijiet u l-ispiża tal-*fuel*;

ii. Se nlestu l-*interconnector*, li huwa *cable* tad-dawl ta' 200MW imqiegħed taħt il-baħar bejn Malta u Sqallija, sal-bidu tal-2014. Dan se jipprovdi sa 70% tal-ħtiġiet tal-elettriku tal-pajjiż bla ma jipproduċi ebda emissjoni;

iii. B'finanzjament mill-UE se nibnu *pipeline* tal-gass li jgħaqqad lil Malta ma' Sqallija bil-mira li jkun lest sal-2018, biex jipprovdi l-orħos gass possibbli;

iv. Inlestu l-istallazzjoni ta' *Smart Meters* kullimkien sal-aħħar ta' din is-sena, li permezz tagħhom il-familji u n-negozji jkunu jistgħu jikkonsmaw l-enerġija b'mod aktar effiċjenti u responsabbli;

v. Inkomplu nżidu l-enerġija minn sorsi rinnovabbli biex ikollna enerġija aktar nadifa filwaqt li kemm id-djar kif ukoll in-negozji jnaqqsu l-konsum u jassiguraw li Malta tagħti s-sehem sħiħ tagħha fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

## 58. Introduzzjoni ta' *Night Tariff*

i. Mill-bidu tal-2014, flimkien mal-*iSmart Meters*, l-*interconnector* ma' Sqallija se jiftaħ it-triq biex matul il-lejl tiġi introdotta *Night Tariff.* Dan għax se nkunu nistgħu nixtru elettriku bi prezz orħos matul il-lejl direttament minn Sqallija. Dan jinkoraġġixxi l-konsum tal-elettriku mid-djar, negozji u l-industrija f'ħinijiet meta tista' tinxtara enerġija orħos mill-Ewropa.

ii. In-*Night Tariff* se tnaqqas ir-rati preżenti bejn 7% u 26% fil-ħinijiet ta' bejn l-10 p.m. u s-6 a.m. skont il-ħin tal-lejl. Dan iseħħ malli l-*interconnector* ma' Sqallija jibda jaħdem fil-bidu tal-2014 u jiddependi fuq realtajiet tas-suq internazzjonali li jistgħu jolqtu l-prezz tal-enerġija.

## 59. Il-Programm *Empower*

Sa tmiem din is-sena d-djar u n-negozji kollha Maltin għandu jkollhom *smart meter* li jippermetti kontijiet aktar flessibbli u effiċjenti. Bl-*ismart meters*, tkun tista' tara kemm qed tikkonsma enerġija jum b'jum u tagħmel il-bidliet meħtieġa. B'dawn il-*meters* ma jkunx hemm aktar ħtieġa ta' kontijiet bi stima.

Nintroduċu numru ta' skemi li jippermettu lill-familji u n-negozji jsiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u jagħtu aktar opportunitajiet li jipproduċu l-enerġija permezz ta' pannelli fotovoltajċi, hekk kif gej:

***i. Empower Green Home***

- Il-Gvern jipprovdi lil kull dar verifika tal-konsum tal-enerġija. B'hekk se tkun taf kif tista' tnaqqas il-konsum u tiffranka mill-kont. Tkun taf ukoll x'tip ta' sistemi jistgħu jgħinuk l-aktar, bħal pannelli fotovoltajċi fuq il-bejt, apparat li jiffranka l-ilma, il-ġbir u ħażna tal-ilma tax-xita, mezzi ta' *insulation* u dwal tat-tip LED. Il-familji li jagħmlu din il-verifika jkunu jistgħu jinvestu f'dawn is-sistemi u jieħdu għotja ta' 15% u self mingħajr imgħax fuq il-kumplament tal-ispiża.
- Il-familji li jinvestu direttament f'pannelli fotovoltajċi jistgħu jieħdu għotja ta' 50% tal-ispiża kapitali sa massimu ta' mhux aktar minn €3,000 imħallsa mill-Gvern u minn fondi tal-Unjoni Ewropea.
- Dawk il-familji li jagħżlu li jixtru l-pannelli tagħhom mingħajr għajnuna finanzjarja jkunu eliġibbli għal *feed-in-tariff* aktar vantaġġuża ta' 17ċ jew 18ċ kif imħabbra fil-Baġit tal-2013 għal perjodu ta' 20 sena.
- Għal dawk il-familji li m'għandhomx spazju fuq il-bejt biex jagħmlu pannelli fotovoltajċi, il-Gvern iżid l-ispazji komunali li jintużaw għal *solar farms* fuq bini pubbliku u soqfa f'zoni industrjali. Dan huwa proċess li diġà beda.

***ii. Empower Green Business***

- Din l-iskema tapplika għan-negozji żgħar li jħaddmu sa 30 ruħ u hija l-istess bħal *Empower Green Home* bid-differenza li tieħu self sa €20,000 b'imgħax baxx ħafna u kreditu tat-taxxa ta' 50% fuq l-ammont investit f'dawn il-miżuri.

***iii. Empower Green Schools***

- Din l-iskema tapplika għal skejjel tal-Knisja u skejjel indipendenti u hija l-istess bħal *Empower Green Home* bid-differenza li l-iskejjel jieħdu għotja ta' 33% tal-ammont kollu investit sa massimu ta' €20,000 u self sa €20,000 b'imgħax baxx ħafna.

***iv. Empower Green Industry***

- Se nestendu l-iskema eżistenti tal-*High Energy User* anki għal dawk il-fabbriki u lukandi li jikkunsmaw 1GWh jew aktar fis-sena.
- Nallokaw ukoll €20 miljun mill-fondi Ewropej għal skemi ta' enerġija rinnovabbli fl-industrija.

## 60. Insaħħu l-għaqdiet sportivi

Jitnedew skemi apposta biex għaqdiet sportivi li jgawdu minn art pubblika jkunu jistgħu jissieħbu mal-privat biex jiżviluppaw din l-art f'faċilità moderna u sostenibbli li kapaċi tattira turiżmu sportiv u tħaddem sistemi ta' enerġija alternattiva.

## 61. Aktar faċilitajiet sportivi fl-iskejjel

i. Bi sħubija mal-privat, nifirxu aktar programmi sportivi għal kulħadd, nassiguraw li l-Kulleġġi Edukattivi tal-Istat kollha jkunu mgħammra b'faċilitajiet sportivi tal-ogħla kwalità li jinkludu sala *indoor* u faċilitajiet oħrajn *outdoor* biex jintużaw mill-istudenti waqt il-ħin tal-iskola u mill-komunità tal-inħawi u mill-għaqdiet sportivi fil-ħinijiet l-oħrajn.

ii. Jingħataw ukoll aktar *scholarships* fl-isport bl-istess mod kif jingħataw *scholarships* f'oqsma oħrajn akkademiċi.

## 62. Infrastruttura fl-isport

i. Nallokaw fondi Ewropej u nfittxu sħubija mal-privat biex nibnu faċilitajiet sportivi ġodda biex jiġu akkomodati dixxiplini li s'issa għadhom ma jgawdux minn infrastruttura adegwata.

ii. Jinbeda proġett li jwassal biex ikun hemm *out-door gym* f'kull lokalità u *upgrading* tal-*playing fields*.

## 63. Sigurtà fit-toroq u *motorsport*

Nallokaw art għall-bini ta' *multi purpose track* li sservi għall-*motor sport*, għall-eżerċizzji relatati mas-sigurtà fit-toroq u għall-attivitajiet relatati mat-tagħlim tas-sewqan u l-għoti tal-liċenzji. Permezz ta' dan il-proġett inkunu nistgħu nagħtu spinta lil *motorsport* f'Malta, ikollna l-faċilitajiet tajbin biex inħarrġu u nedukaw lis-sewwieqa ġodda u bħala riżultat inżidu s-sigurtà fit-toroq. Il-pjan huwa li l-Gvern jalloka l-art għal din it-*track* sabiex jiżviluppaha mas-settur privat, b'involviment tal-Federazzjoni Maltija tal-*Motorsport,* l-iskejjel tas-sewqan u entitajiet oħrajn interessati.

## 64. Inħajru l-użu tar-roti

Inħajru aktar l-użu tar-roti billi nvaraw progetti ta' postazzjonijiet ta' roti li permezz tagħhom ikun hemm servizz ta' trasport bir-roti u nnaqqsu t-traffiku. Il-postazzjonijiet isiru f'lokalitajiet ewlenin kif ukoll f'postijiet bħall-Università u l-MCAST biex ninkoraġġixxu lill-istudenti jużaw dan il-mezz ta' trasport. Inżidu wkoll il-*bicycle lanes* fit-toroq prinċipali.

## 65. Ninċentivaw aktar l-*electric cars*

Il-vetturi ċċarġjati b'elettriku minn sorsi ta' enerġija nadifa jgħinu biex inkomplu ntejbu l-kwalità tal-arja tagħna kif ukoll biex Malta tilħaq l-obbligi li għandha dwar l-ammont ta' enerġija alternattiva użata fit-trasport. Meta wieħed jikkunsidra d-distanzi f'pajjiżna jagħraf aħjar il-vantaġġi ta' dawn il-mezzi ta' trasport. Gvern Nazzjonalista jsegwi l-Istrateġija Nazzjonali Rigward l-Introduzzjoni tal-Vetturi Elettriċi bil-mira li sal-2020 f'Malta jkun hawn 5,000 vettura elettrika. Għal dan il-għan se jdaħħal skemi ta':

i. Għajnuna fiskali għal xiri ta' karozzi elettriċi;

ii. Għajnuna fiskali għal xiri ta' muturi elettriċi;

iii. Tneħħija tal-ħlas tal-liċenzji taċ-ċirkulazzjoni fit-toroq għal vetturi elettriċi;

iv. Tnaqqis ta' ħlas ta' taxxa minn kumpaniji li jibdlu l-vetturi li jaħdmu bil-*fuel* b'oħrajn elettriċi; u

v. Għajnuna finanzjarja lil min jiskrappja vetturi antiki biex jibdilhom ma' vetturi elettriċi.

## 66. Immaniġġjar tat-traffiku u parkeġġi

i. Jitwaqqaf *Traffic Monitoring Centre* b'sistemi ta' sorveljanza elettronika tat-traffiku speċjalment fl-aktar zoni ta' konġestjoni u li jkun f'kuntatt mal-pulizija tat-traffiku u l-*mobile squad.* Tiddaħħal sistema ta' *network* nazzjonali ta' tabelli elettroniċi li javżaw lis-sewwieqa dwar konġestjoni ta' traffiku u joffru rotot alternattivi. Tinħoloq ukoll sistema ta' *traffic announcements* trasmessi fuq ir-radju.

ii. Bħala parti integrali mal-ħtieġa li t-traffiku jiġi mmaniġġjat aħjar nidħlu fi ftehim mal-privat biex jinbnew parkeġġi biex tittaffa wkoll il-problema tal-*parking*.

## 67. Toroq ta' kwalità

i. Inkomplu bil-bini mill-ġdid tat-toroq arterjali u distributorji tagħna fejn qed nipproġettaw nefqa ta' €100 miljun fil-ħames snin li ġejjin, kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

ii. Inkomplu bil-bini tat-toroq residenzjali ġodda wara li fl-aħħar ħames snin bnejna 460 triq. Għad baqa' 120 triq residenzjali x'jinbnew u nintrabtu li nibnu dawn it-toroq fi żmien sentejn u li wara ninvestu mhux anqas min €5,000,000 fis-sena fil-bini ta' toroq residenzjali.

iii. Inkomplu bil-*patching* ta' toroq ta' importanza maġġuri u għal dan il-għan ninvestu mhux anqas minn €2,000,000 fis-sena u €500,000 għas-sinjali u marki tat-toroq.

iv. Nirriattivaw l-iskema ta' *public private partnership* li ħdimna mal-Kunsilli Lokali biex dawn ikunu f'pożizzjoni li jtejbu t-toroq li għalihom huma responsabbli u għal dan il-għan nivvutaw mhux anqas minn €1,000,000 fis-sena.

## 68. Fond għall-pavimentar taċ-ċentru tar-raħal tiegħek

Aħna rriduk tkun kburi bil-lokalità fejn tgħix. M'hemmx isbaħ minn ċentru storiku tal-lokalità tiegħek li jkun pavimentat u msebbaħ bil-fjuri u *street furniture.* Għaldaqstant jinħoloq fond apposta għall-pavimentar taċ-ċentru tar-raħal tiegħek. Fejn il-pjazza diġà saret, l-iskema tkopri toroq tal-madwar.

## 69. Aktar effiċjenza fil-lokalità tiegħek

Biex int tieħu aktar u l-aħjar mill-Kunsill Lokali tiegħek, tiddaħħal sistema li permezz tagħha, il-baġit tal-Kunsilli Lokali jiżdied għal dawk il-kunsilli li huma l-aktar effiċjenti, skont kriterji ċari u trasparenti li jkun jaf bihom kulħadd. B'hekk il-Kunsilli jkunu ferm aktar *accountable* lejn l-elettorat tagħhom u jsiru aktar effiċjenti.

## 70. Il-Belt Valletta, Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura

Fl-2018, il-Belt Valletta se tkun il-Belt Kapitali tal-Kultura fl-Ewropa. Dan huwa avveniment li rridu nagħtuh l-importanza li jistħoqqlu billi, fost l-oħrajn:

i. Nikkonvertu l-Palazz tal-Belt Valletta f'attrazzjoni turistika ta' livell dinji li jħabbatha mal-aqwa attrazzjonijiet fid-dinja. Niftħu l-bibien tiegħu għall-pubbliku b'wirjiet tal-ifjen kollezzjonijiet illum minsija fl-imħażen.

ii. Nagħmlu mill-forti Sant'Anġlu u Sant'Iermu żewġ attrazzjonijiet uniċi fil-Mediterran li jikkumplimentaw lil xulxin u nsaħħu l-kollegament marittimu bejniethom u b'hekk ikunu jistgħu jagħtu spinta akbar lit-turiżmu, l-arti u l-kultura u l-identità patrimonjali tagħna. Nagħmlu mill-Forti Sant'Iermu fortizza storika li tilqa' fiha attivitajiet kulturali u turistiċi li tixraq lid-dinjità tal-post. Jitlesta r-restawr li għaddej bħalissa u jinfetħu għan-nies il-bibien għal dawn il-ġojjelli li s'issa kienu mbarrati u mitluqa.

iii. Inwaqqfu Mużew għall-Arti Kontemporanja bħala attrazzjoni ewlenija ta' Valletta 2018.

iv. Jitlestew proġetti bħall-Akkwarju Nazzjonali fil-Qawra, iċ-ċentru tal-viżitaturi fil-Ġgantija u l-proġett ta' Dock 1.

v. Inlestu l-proġett ta' restawr tas-swar tal-Belt, tal-Kottonera, tal-Imdina u ċ-Ċittadella li qed jitwettqu permezz ta' Fondi Strutturali Ewropej.

vi. L-ispazji ta' binjiet pubbliċi jinfetħu għal esebizzjonijiet ta' artisti lokali.

vii. Nagħmlu *roadshow* kulturali Malti li jżur pajjiżi differenti bil-parteċipazzjoni ta' artisti Maltin f'oqsma differenti. Fl-istess ħin nagħmlu mill-ambaxxati Maltin spazji ta' wirjiet għall-kultura Maltija kemm storika kif ukoll kontemporanja. Dan iservi wkoll ta' inkoraġġiment għall-artisti Maltin biex jesibixxu x-xogħlijiet tagħhom fi bliet barranin. B'hekk inkunu qegħdin nikkontribwixxu biex negħlbu l-limitazzjonijiet li jiffaċċjaw l-artisti tagħna.

## 71. *Pension Account* għat-tfal

Biex insaħħu l-kultura favur it-tifdil fost il-ġenerazzjonijiet ta' għada, niftħu *Child's Pension Account* għal kull tarbija li titwieled jew li tiġi addottata u fih inpoġġu €1,000. Il-kont li jkun f'isem it-tarbija jistgħu jikkontribwixxu anki l-ġenituri u l-qraba. Il-Gvern jaħdem ma' istituzzjonijiet finanzjarji biex il-flus f'dawn il-kontijiet jiġu investiti bl-aħjar mod.

## 72. Ippjanar fit-tul għal persuni b'diżabbiltà severa u l-familji tagħhom

Il-PN hu konxju li l-akbar inkwiet ta' familji b'persuna li għandha diżabbiltà severa huwa kif din il-persuna se tkun żgurata ħajja ta' kwalità meta l-familja ma tkunx tista' tibqa' tieħu ħsiebha. Kien dan li wassal għat-twaqqif tal-Aġenzija Sapport. Biss, bħal kull problema komplessa, is-soluzzjonijiet ma jistgħux ikunu sempliċi. Ma teżistix soluzzjoni waħda tajba għal kull persuna. Barra minn hekk il-PN hu konxju li l-familja mhux biss hi l-aqwa post għall-persuni b'diżabbiltà imma li l-familja stess trid li hi tibqa' tagħti s-sapport dirett lill-persuna b'diżabbiltà sal-massimu possibbli. Din l-isfida tibqa' l-prijorità ewlenija f'dan il-qasam billi:

i. Titwaqqaf fi ħdan l-Aġenzija Sapport struttura legali li tiffaċilita l-iżvilupp ta' Pjan għall-Ħajja li bih kull familja li trid, tkun tista' tidħol fi ftehim mal-Gvern dwar dak li tixtieq il-familja għall-persuna b'diżabbiltà meta l-familja ma tkunx tista' tibqa' tieħu ħsiebha hi. Dan il-Pjan għall-Ħajja, li jista' jinkludi wkoll il-ħolqien ta' *Trusts*, ikun kuntratt li wara li jsir l-ewwel darba jista' jibqa' jiġi aġġornat skont il-bżonn u li jistabbilixxi s-sehem tal-familja u s-sehem tal-Gvern fl-aspetti kollha tal-ħajja tal-persuna b'diżabbiltà. B'hekk il-ġenituri jkunu jistgħu jserrħu rashom li filwaqt li jkollhom is-sapport kollu meħtieġ biex il-persuna b'diżabbiltà tkun tista' tibqa' tgħix magħhom, il-pass lejn meta l-persuna b'diżabbiltà ma tibqax tiddependi fuq il-ġenituri jkun wieħed ippjanat u gradwali;

ii. Persuni adulti b'diżabbiltà mhux severa jingħataw l-opportunità li jikru jew jixtru post fejn joqogħdu bl-għajnuna tal-Awtorità tad-Djar filwaqt li jkollhom aċċess għal servizzi ta' sapport meta jinqala' l-bżonn;

iii. Jiżdiedu b'mod qawwi s-servizzi fil-komunita biex aktar persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jiġu ssapportjati permezz ta' dan is-servizz. Il-fond *Independent Community Living Fund* fi ħdan l-Aġenzija Sapport, li twaqqaf sena ilu biex jingħataw is-servizzi kollha li persuna b'diżabbiltà jkollha bżonn biex tibqa' tgħix fil-komunità, jiżdied tal-anqas b'€500,000 kull sena għall-ħames snin li ġejjin. Dan isir ukoll permezz ta' pagamenti diretti lil persuni b'diżabbiltà u l-familji tagħhom biex dawn ikunu jistgħu jixtru s-servizzi li jkollhom bżonn. Permezz ta' dan il-fond ikunu ffinanzjati wkoll is-servizzi ta' assistenza personali għall-persuni b'diżabbiltà;

iv. Bħala minimu, kull sena għall-ħames snin li ġejjin tinfetaħ dar residenzjali fil-komunità għall-persuni b'diżabbiltà severa;

v. Tingħata kreditu ta' taxxa marbuta mas-servizzi li persuni b'diżabbiltà u l-familji tagħhom ikunu jeħtiegu biex jibqgħu jgħixu f'darhom;

vi. Permezz tal-Liġi dwar il-*Guardianship*, persuni li għandhom bżonn sapport biex jiddeċiedu għalihom infushom mhux biss ikollhom dan is-sapport, imma jkollhom ukoll il-protezzjoni legali neċessarja għat-trasparenza u l-akkontabbiltà. Fl-ewwel sena tal-leġiżlatura l-ġdida jitwaqqfu l-istrutturi kollha neċessarji biex il-Liġi tal-*Guardianship* tibda tiffunzjona.

## 73. Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet

Pajjiżna llum huwa frott il-ħidma tal-anzjani tagħna. L-anzjani sawru min aħna, l-identità tagħna, u dak kollu li ngawdu llum. Gvern Nazzjonalista jżid l-impenn tiegħu biex l-anzjani kollha jipparteċipaw b'mod sħiħ f'kull qasam tas-soċjetà. Is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet isaħħaħ l-identità u l-valuri ta' pajjiżna u fuqu wkoll jinbena futur fis-sod. Biex dan jissokta, Gvern Nazzjonalista:

i. Joħloq programmi mal-Kunsilli Lokali li jipprovdu opportunitajiet ta' xogħol fil-komunità għall-anzjani, bħal xogħol fl-iskejjel, f'oqsma sportivi u kulturali, u oħrajn;

ii. Jiżdiedu l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għal dawk l-anzjani li jixtiequ jkomplu jitgħallmu wara li jirtiraw, kif ukoll opportunitajiet għall-attivitajiet sportivi;

iii. Iċ-ċentri ta' matul il-jum jinfirxu f'aktar lokalitajiet u l-anzjani nfushom ikollhom sehem fit-tmexxija tagħhom.

## 74. Servizzi għall-Anzjani

i. Bi sħubija mal-privat, jiżdiedu u jissaħħu s-servizzi li jingħataw lill-anzjani f'darhom u jiddaħħlu inċentivi ta' taxxa għal min ikollu l-għajnuna ta' *carer* id-dar, inkluż għal min jieħu *unpaid leave* mix-xogħol biex jieħu ħsieb lill-ġenituri anzjani tiegħu. Il-pensjoni tal-wens tiġi riveduta bl-iskop li tgħin aktar nies li jkunu jixtiequ jieħdu ħsieb anzjani jew adulti oħra dipendenti jibqgħu jgħixu f'darhom.

ii. Meta anzjani jew adulti oħrajn dipendenti jkunu jeħtiegu apparat speċjali (bħal sodod speċjali, saqqijiet speċjali, apparat tan-nifs, eċċ.) li ssoltu jingħataw fl-isptar biex ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'darhom, dawn jiġu provduti mis-servizz tas-saħħa.

iii. Għal dawk li ma jistgħux jibqgħu jgħixu f'darhom, jiżdiedu n-numru ta' sodod residenzjali u *respite*, fid-djar għall-anzjani u għall-persuni b'diżabbiltà, inkluż permezz ta' aktar programmi ta' sħubija mas-settur privat u mal-NGOs, filwaqt li nifthu swali tal-ġerjatrija, flimkien ma' servizzi ta' kura intermedja fil-komunità u servizzi *outreach* u sapport għall-adulti, bil-għan li jiffokaw b'mod partikolari fuq in-numru dejjem jiżdied ta' anzjani b'mard u kundizzjonijiet kroniċi.

## 75. Inżidu l-*allowance* għall-anzjani li jgħixu d-dar

i. Biex inkomplu nħajru aktar lill-anzjani jibqgħu jgħixu fid-dar tagħhom u fil-komunità tagħhom, l-*allowance* ta' €300 lil kull anzjan li jibqa' jgħix f'daru wara li jagħlaq 75 sena kif kienet imħabbra fil-baġit titla' għal €500 flok għal €300 mill-1 ta' Jannar 2014. F'każ ta' koppja, l-*allowance* jingħata kemm lir-raġel kif ukoll lill-mara.

ii. Kull żieda tal-għoli tal-ħajja tibqa' tiġi riflessa fil-pensjoni ta' kull pensjonant.

## 76. Pensjonijiet Privati

Għall-pensjonanti li ħallsu għal pensjoni privata separata mill-bolla tas-sigurtà socjali, il-pensjoni privata ma tibqax titqies għal skop ta' kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali u b'hekk il-pensjoni tas-sigurtà socjali tittieħed sħiħa.

## 77. Pensjoni tas-servizz minn barra

Għal min għandu jew għad ikollu pensjoni tas-servizz minn barra, din il-pensjoni tas-servizz ma tibqax titqies għal skop ta' kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali u b'hekk il-pensjoni tas-sigurtà soċjali tittieħed sħiħa.

## 78. Pensjoni tat-Teżor

Għal min għandu jew se jkollu pensjoni tat-Teżor, il-parti tal-pensjoni tat-Teżor li tkun kommutata ma tibqax titqies għal skop ta' kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali u b'hekk il-pensjoni tas-sigurtà soċjali tiżdied.

## 79. Pensjoni tad-diżabbiltà

Issir reviżjoni sħiħa tal-pensjoni tal-persuni b'diżabbiltà biex:

i. Ikollna tal-anqas żewġ livelli, il-livell preżenti li jibqa' jingħata lil persuni b'diżabbiltà severa u l-livell ogħla li jingħata lil persuni b'diżabbiltà severa ħafna. Il-livell ogħla tal-pensjoni tal-persuni b'diżabbiltà jkun tal-anqas daqs il-paga minima nazzjonali;

ii. Il-pensjoni tingħata skont il-bżonn kif determinat minn bord mediku-soċjali u mhux skont il-kawża tad-diżabbiltà;

iii. Il-persuna ma titlef xejn mill-pensjoni minħabba dħul ieħor li jkollha, speċjalment jekk dan ikun ġej minn impjieg tagħha.

## 80. Pensjoni tal-invalidità

Issa li s-sistema tal-pensjoni tal-invalidità ssaħħet b'mod li nqatgħu ħafna abbużi, il-pensjoni tal-invalidità se tkun ta' sostenn aktar b'saħħtu għal dawk il-familji fejn persuna ma tkunx tista' tkompli taħdem għal perjodu ta' żmien minħabba mard jew kundizzjoni medika. Għalhekk:

i. Tiżdied ir-rata tal-pensjoni tal-invalidità billi titħallas żieda għal kull persuna dipendenti minn din il-pensjoni;

ii. Ir-rata tal-pensjoni tal-invalidità tkun tirrifletti l-paga li tkun inxurjata bil-bolla;

iii. Persuni li jkunu qed jirċievu l-pensjoni tal-invalidità jingħataw permess li jistudjaw u jaħdmu b'mod volontarju jekk dan ikun ta' benefiċċju għar-riabilitazzjoni tagħhom jew biex jitħarrġu f'xogħol ieħor li tkun tippermetti saħħithom. Waqt li jkunu qegħdin f'xogħol volontarju jew programmi approvati ta' studju jew taħrig, ikunu jistgħu jaqilgħu stipendju li jtejjeb id-dħul tagħhom;

iv. Il-perjodu massimu li għalih tingħata l-pensjoni tal-invalidità tiżdied minn tliet snin għal ħames snin.

## 81. Il-pensjoni tar-romol

Wara l-bidliet kbar li saru fil-pensjoni tar-romol biex ir-romol bi tfal u dawk li jerġgħu jiżżewġu ma jitilfux il-pensjoni tar-romol, issa baqa' l-aħħar żewġ tibdiliet f'din ir-riforma sabiex:

i. il-pensjoni tar-romol li tirċievi meta tormol ma tintilifx meta toħroġ taħdem, taqla' kemm taqla'; u

ii. ir-romol kollha li tilfu l-pensjoni tar-romol meta reġgħu żżewġu jkunu intitolati mill-ġdid għall-pensjoni li kienu tilfu.

## 82. Servizzi għal familji vulnerabbli

Irridu li s-servizzi personali ta' *social work* u *counselling* li servew u li qed iservu lil tant familji vulnerabbli jkomplu jissaħħu, filwaqt li jiġu konsolidati. Għalhekk issir revizjoni strateġika tas-servizzi mogħtija bil-għan li tissaħħaħ l-istruttura, tiżdied ir-riċerka, titjieb il-kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u dawk mhux governattivi, kif ukoll jiġu żgurati servizzi li jirriflettu b'mod dejjem aktar effiċjenti l-bżonnijiet tas-soċjetà Maltija tal-lum. Iċ-Ċentri Aċċess jiżdiedu b'erbgħa oħra madwar Malta u ieħor f'Għawdex.

### 83. Uffiċċju għall-innovazzjoni Soċjali

Inwaqqfu Uffiċċju għall-Innovazzjoni Soċjali fejn jekk għandek idea għal proġett innovattiv ta' natura soċjali, imqar esperimentali, l-Uffiċċju jgħinek issib il-fondi (nazzjonali, Ewropej u mill-privat) u n-nies li jistgħu jgħinuk timplimentah. B'dan il-mod il-proġetti soċjali innovattivi jkunu jistgħu jitwettqu b'ġid kemm għal min jaħsibhom u kemm għas-soċjetà.

## Jidħlu wkoll minnufih dawn il-miżuri tal-baġit li l-Partit Laburista vvota kontrihom

### 84. Inżidu ċ-*Children's Allowance*

Ir-rata minima taċ-*Children's Allowance* titla' minn €350 għal €450 għal kull wild filwaqt li fil-każ ta' min qiegħed bil-paga minima, ir-rata taċ-*Children's Allowance* tiżdied b'€177 għal kull wild flok b'€100.

### 85. Inżidu l-*allowance* għall-anzjani li jgħixu d-dar

Biex inħajru aktar lill-anzjani jibqgħu jgħixu fid-dar tagħhom u fil-komunità tagħhom, l-*allowance* ta' €300 lil kull anzjan li jibqa' jgħix f'daru wara li jagħlaq 80 sena tiġi estiża għall-anzjani li jagħlqu 78 sena minn din is-sena u 75 sena mis-sena d-dieħla u li jkunu qed jgħixu waħedhom f'darhom jew mal-familja tagħhom. F'każ ta' koppja, l-*allowance* tingħata kemm lir-raġel kif ukoll lill-mara.

# Qabża oħra ta' kwalità fid-drittijiet tiegħek

**Il-PN ġab il-libertà, id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet ċivili. Dawn issaħħu bi sħubija fl-Unjoni Ewropea li biha saħħaħna ċ-ċittadinanza tiegħek biċ-ċittadinanza Ewropea. Id-drittijiet tiegħek illum jgħoddu mhux biss fit-territorju ta' Malta iżda fit-territorju ta' 27 pajjiż membru tal-UE. Aħna nemmnu fil-ħarsien tal-liġi u li l-liġi għandha tkun l-istess għal kulħadd. Għal min iħoss li ma saritx ġustizzja miegħu rridu nagħtuh rimedju ġust u effettiv. Niġġieldu kontra d-diskriminazzjoni u saħħaħna l-ugwaljanza. Investejna fil-forzi tal-ordni biex int tħossok protett. Fuq kollox saħħaħna d-drittijiet ġodda. Biex nagħmlu qabża oħra ta' kwalità fid-drittijiet tiegħek qed nipproponu dawn il-miżuri ġodda għall-ħames snin li ġejjin.**

### 86. Nirrevedu l-Kostituzzjoni

Fl-2014, f'għeluq il-50 sena anniversarju tal-Indipendenza, inħarsu lejn il-Kostituzzjoni ta' Malta u naġġornawha għaż-żminijiet tal-lum. Ir-reviżjoni tiffoka fuq:

i. Kif jaħdmu l-istrutturi tal-istat;

ii. Nirrikonoxxu r-rwol tal-għaqdiet tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali fil-ħajja pubblika;

iii. Insaħħu d-demokrazija b'parteċipazzjoni aktar diretta tan-nies, inkluż permezz tat-teknoloġija tal-lum.

### 87. Parlament lenti fuq il-Gvern, viċin in-nies

Il-Parlament il-ġdid ikun aktar viċin in-nies u jkun aktar miftuħ għan-nies. B'hekk ir-rappreżentanti politiċi tiegħek ikunu dejjem aktar viċin tiegħek. Insaħħu wkoll il-poteri tal-Parlament sabiex il-Gvern jibqa' dejjem taħt il-lenti filwaqt li d-dibattiti parlamentari kollha jkunu mxandra.

### 88. Drittijiet tal-bniedem garantiti għal kulħadd

Ħamsa u għoxrin sena ilu, Gvern Nazzjonalista għamel il-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem u l-protokolli tagħha bħala parti mil-liġi Maltija. Dawn swew tajjeb. Nemmnu li issa rridu nagħtu pass ieħor. Dawn issa għandhom isiru parti mill-Kostituzzjoni ta' Malta biex jiġu garantiti b'mod awtomatiku. U meta liġi tiġi dikjarata antikostituzzjonali mill-Qorti, tibda titqies nulla għal kulħadd u mhux biss fil-konfront tal-partijiet fil-kawża. B'hekk ma jkollokx għalfejn tmur il-Qorti biex int ukoll tgawdi mill-effett ta' dik is-sentenza.

### 89. Nirrevedu l-kunċett ta' newtralità

Wasal iż-żmien li nagħtu pass ieħor u nirrevedu l-kunċett ta' newtralità. Malta għandha tkun newtrali imma mhux newtralizzata quddiem dak li hu ħażin. Fil-kriżi tal-Libja żammejna man-naħa t-tajba, b'kuraġġ kbir, flok qgħadna nistaħbew wara n-newtralità jew nistennew biex naraw min se jirbaħ qabel ngħidu ma' min inżommu, kif għamel ħaddieħor. Għaldaqstant, jeħtieġ li nirrevedu l-kunċett tan-newtralità fil-Kostituzzjoni ta' Malta billi naġġornawh għaż-żminijiet tal-lum.

## 90. Malta u l-Unjoni Ewropea

i. Fl-1 ta' Jannar tal-2017 Malta se jkollha l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea għall-ewwel darba. Malta se tkun iċ-ċentru tax-xogħol Ewropew, se tmexxi eluf ta' laqgħat f'Malta u barra, u se tiddetermina hi l-aġenda tal-UE. Din se tkun okkażjoni bla preċedent fejn pajjiżna huwa mistenni jibbrilla. Is-sehem tal-Gvern Malti se jkun ewlieni biex Malta tagħmel suċċess minn din il-Presidenza. M'għandniex il-lussu li nfallu din l-okkażjoni. Gvern Nazzjonalista jintrabat li jagħmel suċċess memorabbli mill-Presidenza Maltija tal-Unjoni Ewropea.

ii. Fl-ewwel tmien snin ta' sħubija Gvern Nazzjonalista ġab aktar minn elf u tliet mitt miljun ewro f'fondi mill-Unjoni Ewropea. Iva, ġab €1,300,000,000. Issa wasal il-mument li jiġi negozjat pakkett finanzjarju ġdid li jeħodna mill-2014 sal-2020. Gvern Nazzjonalista jintrabat li jinnegozja f'ismek l-aqwa pakkett finanzjarju li minnu int tista' tgawdi infrastruttura aħjar, ekonomija aktar b'saħħitha u investiment akbar fil-ħiliet tiegħek.

## 91. Fuq l-*internet* ma jagħlaqlek ħalqek ħadd

Jiddaħħal fil-Kostituzzjoni rikonoxximent tal-Internet bħala għodda importanti għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tagħna, inkluż id-dritt taċ-ċittadin għall-għażla tal-informazzjoni (*informational self-determination*) u għall-privatezza fuq l-*internet* (*online digital privacy*) u dan sabiex jiggarantixxi wkoll l-iżvilupp ħieles u bla xkiel tal-personalità tal-individwu permezz tat-teknoloġija. Jissaħħu wkoll drittijiet oħra, bħad-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess għall-informazzjoni dwaru li tinsab f'idejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-ħelsien minn sorveljanza sproporzjonata u l-libertà għall-aċċess għan-*networks* tal-informazzjoni bħall-*internet* u dan permezz tal-promulgazzjoni ta' liġijiet speċifiċi li jistabbilixxu dawn id-drittijiet u li jiggarantixxu l-infurzar tagħhom.

## 92. *Open Government*

Nifthu l-Gvern għall-aċċess elettroniku bla preċedent fejn int tkun tista' taċċessa l-informazzjoni li l-Gvern għandu dwarek. B'hekk int tkun tista' taċċessa, tifhem u tuża din id-*data* li l-Gvern jiġġenera dwarek. Fejn id-*data* diġà hija aċċessibbli, tiżdied l-aċċessibbiltà u ssir aktar *user-friendly*. Dan kollu jsir f'rispett sħiħ tal-privatezza tiegħek, tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà tas-sistema elettronika. Dan il-proċess iżid it-trasparenza, il-fiduċja u d-demokrazija.

## 93. Tivvota b'aktar kumdità

i. Tiddaħħal il-possibbiltà li tivvota f'Ambaxxata Maltija għal min jinzerta jkun qiegħed fuq btala jew jgħix f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea fil-jum tal-elezzjoni.

ii. Jiddaħħlu faċilitajiet sabiex ikun aktar faċli li persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jivvutaw b'kunfidenzjalità u b'dinjità skont l-għażla u l-ħtiġiet tal-persuna b'diżabbiltà.

## 94. Aktar nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà

Nintrabtu li bordijiet ta' kumpaniji u entitajiet pubbliċi jkollhom rappreżentanza ta' mill-anqas 40% nisa u nħajru kumpaniji privati jagħmlu l-istess sas-sena 2020.

## 95. Dritt tal-vot għal min jagħlaq 16-il sena

Iż-żgħażagħ jingħataw id-dritt li jivvutaw u jikkontestaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali mill-età ta' 16-il sena.

## 96. Interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali Maltija

Grupp relattivament żgħir ta' persuni torox jiddependu ħafna għall-komunikazzjoni tagħhom fuq il-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Gvern Nazzjonalista beda jgħin lil din il-komunità żgħira billi qed jiffinanzja servizz limitat ta' interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija. B'hekk dawn il-persuni jista' jkollhom aċċess akbar għal komunikazzjoni, l-aktar għall-edukazzjoni tagħhom. Hu importanti li dan is-servizz essenzjali jkompli jiġi żviluppat. Għalhekk Gvern Nazzjonalista jassigura li s-servizz ta' interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija jiżviluppa biex barra li jkompli jkopri l-qasam edukattiv jinfirex ukoll għal servizzi oħrajn essenzjali fosthom dak mediku, soċjali u rikreattiv.

## 97. Klieb gwida għal persuni għomja

Numru sostanzjali ta' persuni għomja jagħmlu użu mis-servizz ta' klieb-gwida. Dan is-servizz jiswa ħafna flus kemm biex tħarreġ il-kelb u anki biex iżommu. Gvern Nazzjonalista jgħin finanzjarment fit-taħriġ tal-klieb-gwida biex jassigura li kull persuna għamja li tixtieq tibbenefika minn dan is-servizz ikollha l-kelb-gwida tiegħu jew tagħha.

## 98. Fond ta' solidarjetà

Jitwaqqaf Fond ta' Solidarjetà li fih jitħallsu 0.5% tat-taxxa tad-dħul li tħallas int u tagħżel int min għandu jgawdi minnhom direttament fil-formola tat-taxxa tiegħek. Il-benefiċċjarji jistgħu jkunu għaqdiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-qasam soċjali, filantropiku, għaqdiet reliġjużi, ta' kultura u arti, għaqdiet li jħarsu l-annimali u oħrajn.

## 99. Drittijiet ta' persuni LGBT

i. Fil-Kostituzzjoni tiddaħħal klawsola li tipproteġik minn diskriminazzjoni a bażi ta' orjentazzjoni sesswali. Dan ifisser li jekk liġi jew prattika amministrattiva tkun tippermetti diskriminazzjoni ta' dan it-tip, allura tkun tista' tigi dikjarata nulla.

ii. Ngħaddu l-liġi dwar is-*civil partnership* għal koppji *gay.* Din il-liġi tippermetti, għall-ewwel darba, li persuni *gay* ikollhom ir-relazzjoni tagħhom legalizzata u rikonoxxuta.

## 100. Avukat li jħares l-interessi tat-tfal

Jinħatar avukat li jħares l-interessi tat-tfal fi ħdan l-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal bis-setgħa li tingħata bil-liġi li jirrappreżenta lit-tfal quddiem il-qrati, ikun xi jkun il-każ fejn jista' jkun hemm interess tat-tfal. B'hekk jiġi żgurat li t-tfal dejjem ikollhom vuċi u jiġu rappreżentati kif xieraq. It-tfal infushom li jidhru quddiem il-Qorti fi kwalunkwe każ jiġi spjegat lilhom id-dritt tagħhom għal dan l-avukat.

## 101. Għajnuna legali għal vittmi ta' reati kriminali

Min ikun akkużat u m'għandux mezzi finanzjarji biex jiddefendi ruħu, diġà jista' jingħata għajnuna legali. Din l-għajnuna tiġi estiża anki għall-vittmi tar-reati kriminali li jkunu qed jidhru fil-kawża *parte civile*. B'hekk il-vittmi wkoll ikunu jistgħu jiddefendu l-interessi tagħhom anki jekk m'għandhomx mezzi.

## 102. Il-Qrati tal-Ġustizzja

i. Wara proċess ta' konsultazzjoni ssir riforma mill-qiegħ tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u jiddaħħlu poteri effettivi f'idejn il-Prim Imħallef biex tkun assigurata l-ogħla mġiba korretta, etika u effiċjenti mill-membri tal-ġudikatura.

ii. Is-sistema tal-kawżi bl-appuntament tiddaħħal fil-Qrati kollha u għal kull seduta jkun hemm indikat b'mod ċar minn qabel il-ħin allokat u x'għandu jsir f'dik is-seduta.

iii. Jiżdiedu r-riżorsi umani biex il-ġudikanti jkunu f'pożizzjoni li jisimgħu l-każijiet u jagħtu d-deċiżjonijiet fl-iqsar żmien possibbli.

iv. Tiddaħħal sistema ta' proċessi elettroniċi biex kull dokument f'kawża jkun aċċessibbli wkoll elettronikament.

v. Isir programm intensiv, inkluż taħriġ, biex aktar każijiet ikunu jistgħu jiġu trattati permezz ta' arbitraġġ u#jew medjazzjoni.

vi. Jitjiebu l-kundizzjonijiet u t-taħriġ tal-membri tal-ġudikatura kif ukoll tiżdied l-età tal-irtirar tassattiva minn 65 għal 68 sena sabiex l-esperjenza tagħhom tiġi utilizzata aħjar. Ġudikanti ma jkunux jistgħu jagħmlu xogħol relatat mal-qasam legali wara li jirtiraw.

## 103. Armata li tistrieħ fuqha

i. Inkomplu nagħmlu l-Forzi Armati ta' Malta aktar professjonali bl-ingaġġ ta' aktar nies kwalifikati f'oqsma speċjalizzati. Inkomplu bl-ingaġġ ta' kull sena ta' suldati u fizzjali ġodda fil-Forzi Armati biex nassiguraw tiġdid kontinwu.

ii. Inkomplu nipprovdu aktar opportunitajiet ġodda ta' taħriġ għal min diġà hu membru tal-Forzi Armati.

iii. Inkomplu ninvestu bil-qawwa fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Forzi Armati ta' Malta, b'mod li nkomplu nibnu l-Iskwadra tal-Ajru u dik Marittima permezz ta' apparat u infrastruttura anki permezz ta' fondi Ewropej.

iv. Nassiguraw li l-Forzi Armati jkomplu jagħtu kontribut siewi biex tiġi assigurata l-istabbiltà fir-reġjun tagħna u lil hinn. Inkomplu nikkunsidraw b'mod l-aktar responsabbli u każ b'każ skont l-interessi ta' pajjiżna, parteċipazzjoni f'missjonijiet tal-immaniġġjar ta' kriżijiet.

v. Insejsu l-ħidma kollha tal-Armata fuq sistemi ta' teknoloġija l-aktar moderni għaliex nifhmu li forza moderna u effiċjenti tiffoka fuq kwalità u mhux neċessarjament kwantità.

## 104. Pulizija aktar viċin tiegħek

i. Sal-aħħar tal-2013 inressqu liġi biex il-membri tal-Korp tal-Pulizija jkunu jistgħu jwaqqfu *union* tagħhom.

ii. Inpoġġu 200 pulizija oħra fuq il-*beat* fit-toroq ta' Malta u Għawdex.

iii. Isir enfasi speċjali f'postijiet ta' divertiment u fl-inħawi tal-madwar biex il-preżenza tal-pulizija tgħin fl-infurzar tal-liġi mingħajr ma tinħoloq atmosfera ta' stat pulizjesk.

iv. Il-pulizija tat-traffiku jirduppjaw biex l-immaniġġjar tat-traffiku fil-ħinijiet l-aktar kruċjali jkun jista' jsir b'mod regolari.

v. Il-pulizija fuq il-*beat* u l-pulizija tat-traffiku jkollhom apparat modern li bih ikunu f'kuntatt kontinwu maċ-ċentru ta' kontroll.

vi. Issa li wasalna biex inlestu l-Akkademja tal-Pulizija ġdida fil-Kumpless ta' Kandja, dan il-Kumpless jinbidel f'Kampus għall-Akkademja li jiġbor fih l-iskwadri speċjalizzati bl-iskop ta' taħriġ professjonali kontinwu għall-pulizija kollha.

vii. Inħarrġu aktar pulizija biex jidħlu f'relazzjoni pożittiva mal-pubbliku, biex jagħtu l-appoġġ tagħhom lil min ikun vittma ta' xi reat, biex japprezzaw id-diffikultajiet tal-komunità u jieħdu fuqhom ir-rwol ta' protezzjoni meta l-każ hekk jitlob.

viii. Inwaqqfu strutturi ta' appoġġ għall-membri fil-Korp li jkunu qed jiffaċċjaw xi diffikultajiet, kemm fuq livell personali kif ukoll fil-ħidma tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-bżonn li membri fil-Korp tal-Pulizija jibbilanċjaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja.

ix. Il-Pulizija tipproteġi lil kull ċittadin, mhux biss lil dawk li huma vittmi imma anki lil dawk li jista' jkun li wettqu xi reat. Nirrevedu l-liġijiet dwar id-drittijiet tal-persuna arrestata biex naċċertaw li f'kull stadju tal-proċess tal-investigazzjoni u tal-proċeduri kriminali, id-drittijiet tal-persuna akkużata jkunu mħarsa.

x. Naħtru *Ombudsman* speċjalizzat f'każi relatati mal-Pulizija biex jilqa' lmenti mingħand ċittadini dwar il-Pulizija.

## 105. Protezzjoni Ċivili li tieħu ħsiebek

i. Sal-aħħar tal-2013 inressqu liġi biex il-membri tal-Protezzjoni Ċivili jkunu jistgħu jwaqqfu *union* tagħhom.

ii. L-apparat u l-vetturi tal-Protezzjoni Ċivili għamlu żmienhom. Nimbarkaw fuq programm biex jinġieb apparat u vetturi ġodda, biex sal-2018 ikun inbidel l-apparat kollu li juża d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

iii. Ninvestu f'apparat ġdid li l-Protezzjoni Ċivili għandha bżonn biex ittejjeb it-tipi ta' servizzi li toffri, fosthom apparat kontra l-kontaminazzjoni miż-żjut u kimiċi oħrajn fl-ibħra tagħna.

iv. Nagħtu taħriġ regolari lill-membri tal-Protezzjoni Ċivili, inkluż billi nikkollaboraw ma' entitajiet simili barra minn Malta biex inwessgħu dejjem aktar l-għarfien u l-ħiliet tagħhom kemm bi preparazzjoni għal dak li jista' jiġri f'pajjiżna, kif ukoll biex ikunu jistgħu jagħtu kontribut barra mill-pajjiż.

v. Inkomplu nsostnu r-riżorsi tad-Dipartiment biex isaħħaħ ir-rwol tiegħu fl-edukazzjoni taċ-ċittadini dwar kif għandhom jipproteġu lilhom infushom.

vi. F'kollaborazzjoni mal-MCAST jinħolqu korsijiet relatati mal-protezzjoni ċivili li jkunu miftuħa wkoll għal parteċipanti oħrajn. Dan it-taħriġ jagħti ħiliet li jkunu jistgħu jintużaw fil-privat.

vii. Id-dritt għall-pensjoni wara 25 sena servizz ikun estiż għall-membri kollha tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

## 106. Pieni aktar ħorox għar-reati l-aktar gravi

Biex int isserraħ rasek aktar dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità, jiżdiedu l-pieni għall-aktar reati gravi fejn dan l-aħħar inħass li ma saritx ġustizzja xierqa. Fosthom, għal serq aggravat bil-vjolenza, b'mod partikolari *hold-ups*, għal dawk misjuba ħatja ta' reati sesswali kontra t-tfal, b'reati ta' vjolenza kontra l-anzjani, għal dawk misjuba ħatja b'reati ta' korruzzjoni u għal persuni li jgħinu fit-traffikar tal-persuni. F'dawn il-każi, jiġi eskluż l-għoti ta' *probation* u sentenzi sospiżi.

## 107. Konfiska tal-beni u assi ġġenerati minn attività kriminali

Tiddaħħal liġi sabiex beni u assi li jirriżultaw minn attivitajiet kriminali, inkluż korruzzjoni, jiġu kkonfiskati u mpoġġija f'fond speċjali li jintuża biex jiffinanzja proġetti soċjali. B'dan il-mod il-kriminalità u min iwettaqha tista' tibda tħallas għall-ħsara li tagħmel lis-soċjetà.

## 108. Wara l-ħabs għandu jkun hemm ħajja

Ngħinu lill-persuna li tispiċċa mill-ħabs biex tibda ħajja aħjar billi jitfassal pjan li jħares lejn il-bżonnijiet ta' kull persuna. Dan ikun jinkludi għajnuna professjonali u gwida dwar aspetti soċjali bħal benefiċċji soċjali, *housing*, taħriġ u xogħol. Jingħataw aktar opportunitajiet biex min qiegħed il-ħabs jingħata taħriġ biex jitgħallem sengħa jew jikseb kwalifika akkademika biex kulħadd ikun tabilħaqq ingħata ċans jerġa' jibda ħajja ġdida fis-soċjetà.

## 109. Drittijiet tal-Konsumaturi

Il-PN jibqa' impenjat li jrawwem kultura ta' rispett u servizz ta' kwalità lill-konsumaturi u fost l-oħrajn se jieħu dawn il-passi:

i. Titnieda Karta tad-Drittijiet tal-Konsumatur ibbażata fuq il-liġijiet Ewropej u li tkopri l-oqsma l-aktar importanti f'dan is-settur.

ii. Jiżdiedu dawk id-dipartimenti u servizzi pubbliċi li jkollhom Karta ta' Servizz ta' Kwalità (*Quality Service Charter*) biex sal-2015 kull servizz pubbliku jkollu dan l-impenn lejn il-konsumatur.

iii. Kull entità li tipprovdi servizz pubbliku, inkluż dawk l-entitajiet privati li jipprovdu servizzi pubbliċi, bħal trasport pubbliku jew telekomunikazzjoni, ikollhom Karta ta' Servizz ta' Kwalità sal-2016.

iv. Issir kampanja ta' informazzjoni għan-negozji u l-intrapriżi li tispjega d-drittijiet tal-konsumatur, filwaqt li l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u Affarijiet tal-Konsumatur tipprovdi s-servizzi ta' assistenza lin-negozji u l-intrapriżi biex dawn id-drittijiet jiġu mħarsa.

v. Insaħħu sostanzjalment il-*complaints handling office* tal-Awtorità b'mod li l-konsumatur ikompli jsib rimedju effettiv u mgħaġġel, bl-*alternative dispute resolution* jibqa' pilastru ewlieni fil-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumaturi li joffri rimedju ieħor mingħajr wisq spejjeż u f'qasir żmien mingħajr il-bżonn li wieħed jidħol il-Qorti.

### 110. Tingħata d-dritt sħiħ fuq il-proprjetà ta' darek

i. B'kollox huwa kkalkulat li hawn madwar 1,100 *plot* f'*Home Ownership Schemes* li l-art tagħhom għadha ma tħallsitx mill-Gvern u n-nies baqgħu fuq konvenju. Fl-aħħar ħames snin id-Dipartiment tal-Artijiet ħallas iktar minn €7.6 miljun biex inxtraw iktar minn 500 *plot* li fuqhom hemm mibnija dawn ir-residenzi. Fil-ħames snin li ġejjin se nikkommettu €10 miljun biex inkomplu nkopru l-artijiet milquta b'din il-problema. B'hekk inkunu wettaqna ġustizzja kemm mal-familji tal-lum u kemm mas-sidien oriġinali, filwaqt li nippermettu lill-familji tal-lum isiru sidien ta' djarhom.

ii. Hemm madwar 3,200 residenza milquta bil-*possession and use* fis-snin 1947-1952, kważi kollha fil-Kottonera, il-Belt, il-Marsa u l-Furjana. F'dawn il-każijiet is-sidien oriġinali tal-art jitħallsu somma żgħira kull sena filwaqt li min qed jirrisiedi f'dawn il-postijiet ma jistax isir sid ta' daru għax l-art li fuqha hija mibnija r-residenza tiegħu għadha mhux tal-Gvern. Fl-aħħar ħames snin ħallasna aktar minn €2.7 miljun biex il-Gvern akkwista 505 residenzi u li għaddew għand l-Awtorità tad-Djar li min-naħa tagħha bdiet toffri lill-inkwilini l-possibbiltà li jixtru darhom bi prezz issussidjat. Fil-ħames snin li ġejjin nikkommettu €5 miljun biex inkomplu l-proċess biex dan il-kapitlu, li jaf l-għeruq tiegħu wara l-gwerra, jingħalaq u b'hekk nippermettu lil dawn l-eluf ta' familji li, jekk iridu, isiru sidien ta' djarhom.

### 111. Reviżjoni ta' entitajiet pubbliċi u aktar effiċjenza

i. Biex titnaqqas l-ispiża fin-nefqa pubblika u tikber l-effiċjenza, issir reviżjoni minn esperti indipendenti tal-awtoritajiet u bordijiet kollha tal-Gvern biex jiġi stabbilit jekk hemmx minnhom li jistgħu jingħaqdu jew, skont il-każ, saħansitra jitneħħew biex b'hekk ir-riżorsi jintużaw aħjar. Dan il-proċess diġà beda, pereżempju, bl-amalgamazzjoni ta' numru ta' entitajiet fl-Awtorità l-ġdida dwar il-kompetizzjoni u l-affarijiet tal-konsumaturi kif ukoll fil-qasam tat-trasport.

ii. Mhux l-ewwel darba li tgerger li l-liġi mhix infurzata biżżejjed, bħal, pereżempju, fil-qasam tal-ambjent, ħsejjes, trabijiet, it-trasport jew saħanistra l-evażjoni tat-taxxi. U tispiċċa tintbagħat mingħand Dipartiment tal-Gvern għal ieħor. Dan irid jispiċċa. Dawk kollha responsabbli mill-infurzar f'dipartimenti differenti tal-Gvern jew awtoritajiet pubbliċi għandhom jibdew jaħdmu aktar flimkien biex ir-riżorsi jingħaqdu u l-infurzar ikun aktar effettiv. Għaldaqstant namalgamaw il-poteri ta' infurzar li llum qegħdin f'idejn aġenziji differenti f'idejn korp wieħed biex ikun hemm sforz kollettiv u koordinat fl-infurzar tal-liġijiet, rispett akbar tal-liġijiet u aktar dixxiplina. B'hekk ikun hemm korp wieħed għall-infurzar u mhux aktar dipartiment jibgħatek għand l-ieħor.

iii. Sa l-aħħar ta' din is-sena Gvern Nazzjonalista jwettaq expenditure review tan-nefqa rikorrenti tal-Gvern. Mingħajr ma jitnaqqsu n-nies u s-servizzi li jingħataw mis-settur pubbliku, dan il-proċess għandu jidentifika sa 2% iffrankar fin-nefqa tal-Gvern li tiġi minn żieda fl-effiċjenza u bit-trażżin fl-ispejjeż.

### 112. Titkompla r-riforma tal-MEPA

i. Il-konklużjoni tar-reviżjoni tal-Pjan ta' Struttura bil-formulazzjoni tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar;

ii. jitwaqqaf *Business Unit* fil-MEPA biex jassisti lin-negozji u investituri fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal żvilupp marbut mal-kummerċ;

iii. tkompli titwessa' l-lista ta' żviluppi żgħar li jistgħu jsiru mingħajr permess jew b'notifika sempliċi;

iv. iċ-ċertifikati tal-*compliance* jiġu maħruġa mill-perit tal-applikant u fuq ir-responsabbiltà professjonali tiegħu;

v. ir-rwol tal-MEPA f'każijiet li mhux bini skedat, storiku jew ta' valur arkitettoniku partikolari jkun limitat primarjament għall-parti esterna u l-MEPA ma tindaħalx fuq il-mod kif ikun imqassam u wżat l-ispazju mill-bieb 'il ġewwa;

vi. Waħda mill-isfidi ewlenin f'dan il-qasam huwa l-iżvilupp irregolari li sar matul medda twila ta' snin meta l-liġi u l-aspettattivi ma kinux dawk tal-lum. Il-MEPA għandha eluf ta' każijiet fuq il-kotba tagħha fejn ħafna minnhom saru snin twal ilu, inkluż qabel twaqqfet l-Awtorità fl-1992. Hemm każijiet li ntirtu jew għaddew għand persuni oħrajn. Il-PN jagħraf li l-Gvern għandu l-obbligu li jara li din is-sitwazzjoni tkun indirizzata b'mod responsabbli u realistiku. Għaldaqstant, Gvern Nazzjonalista jibni fuq l-iskema li ħarġet f'Awwissu 2012 dwar il-btieħi u l-għoli tal-kmamar u dik preżentata lill-Kumitat tal-Kamra dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u tiġi żviluppata skema fejn jiġu ssanati l-irregolaritajiet li saru qabel ir-riforma tal-MEPA u li m'humiex sfreġju gravi, taħt ċerta kundizzjonijiet, inkluż illi:
   - Jiġu mħarsa drittijiet tas-sidien, il-ġirien u terzi;
   - L-azzjoni ta' issanar ma tagħtix dritt f'każ li fil-futur il-bini irregolarizzat jitneħħa u allura meta l-bini jitwaqqa' dan ikun irid jinbena skont il-*policies* ta' meta jerġa' jinbena; u
   - Titħallas multa proporzjonata lill-Kunsill Lokali biex tintuża għall-benefiċċju tal-lokalità.

vii. Fl-istess ħin żvilupp illegali ġdid ikun indirizzat immedjatament u effittivament bl-għodda leġiżlattiva li ddaħħlet dan l-aħħar.

## 113. Kontroll fuq il-kostruzzjoni f'zoni residenzjali

i. Jiddaħħlu miżuri sabiex bini f'toroq residenzjali jitlesta fi żmien stipulat u mhux jibqa' għaddej għal żmien esaġerat bla limitu.

ii. Jissaħħu s-setgħat tal-*Building Regulations Office* b'tali mod li l-ispetturi ta' dan l-uffiċċju jkollhom is-setgħa li jimmultaw f'każijiet fejn il-liġijiet tal-bini ma jkunx qed jiġu rispetati b'mod partikolari r-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni.

iii. Jiddaħħlu wkoll restrizzjonijiet fuq id-daqs ta' vetturi ta' kostruzzjoni li jistgħu jintużaw f'toroq dojoq tal-bliet u l-irħula tagħna.

iv. Mill-1 ta' Jannar 2015 l-awtorizzazzjonijiet għall-kostruzzjoni f'zoni residenzjali jkollhom kundizzjoni li *crane* jintrama fis-sit tal-kostruzzjoni u mhux fit-triq, ħlief fejn mhux teknikament possibbli.

## 114. L-immigrazzjoni

Illum kulħadd japprezza li l-Gvern għandu jwettaq politika ġusta dwar l-immigrazzjoni u mhux politika populista li tiżra' l-biża' u l-mibegħda kontra l-immigranti. Bi Gvern Nazzjonalista inti tista' sserraħ rasek li l-Gvern se jkompli jsaħħaħ il-ħarsien tal-baħar madwar Malta permezz tal-Forzi Armati ta' Malta megħjuna b'aktar taħriġ u aktar apparat sofistikat, inkluż *patrol boats*, *helicopters* u ajruplani ġodda; li jsalva lin-nies li jkunu

f'riskju li jegħrqu f'nofs ta' baħar u mhux iħallihom għal riħhom; li jittratta lil dawn in-nies b'dinjità; li jagħti l-kenn lil min ħaqqu u li jibgħat lura lejn pajjiżhom lill-oħrajn. Fl-istess ħin, jitkomplew l-isforzi biex aktar immigranti li waslu Malta jintbagħtu biex jibdew futur ġdid f'pajjiżi oħrajn, kif diġà sar ma' aktar minn 1,700 immigrant. B'mod partikolari, Gvern Nazzjonalista:

i. Jimplimenta r-rapport dwar reviżjoni strateġika tas-servizzi ta' detenzjoni li sar flimkien ma' kull min hu involut fis-settur, inkluż l-għaqdiet mhux governattivi;

ii. Tiġi żviluppata politika ta' integrazzjoni li tħares lejn kif immigranti li jingħataw l-ażil ikollhom it-taħriġ u s-servizzi neċessarji biex jintegraw b'mod sħiħ fil-kultura Ewropea skont il-pajjiż li fih ikunu se jibdew ħajja ġdida;

iii. Titwaqqaf Aġenzija waħda li tiġbor fiha s-servizzi kollha relatati ma' dan is-settur, jiġifieri s-Servizz ta' Detenzjoni, l-AWAIS, u servizzi oħrajn;

iv. Jipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ għal min jixtieq jagħmel karriera f'dan is-settur;

v. Jassigura li ebda persuna mill-forzi tal-ordni Maltin ma jkollhom jaħdmu f'dan is-settur għal tul ta' żmien ta' bilfors;

vi. Jissaħħaħ il-ħarsien tal-fruntieri ta' Malta b'investiment kbir li qed isir f'apparat u taħriġ sofistikat, finanzjat mill-Fond Ewropew għall-Fruntieri Esterni;

vii. Fuq livell tal-Unjoni Ewropea, jaħdem biex tiġi żviluppata politika komuni dwar l-ażil, anki bl-għajnuna tal-aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar l-ażil li topera minn Malta;

viii. Jagħmel minn dan is-settur mudell ta' prattika tajba fuq livell Ewropew fejn Malta tibqa' magħrufa għall-ospitalità u s-solidarjetà tagħha filwaqt li nassiguraw li l-piż jintrefa' b'mod ekwu mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

## 115. Drittijiet tal-annimali

i. Jiżdiedu l-pieni kontra min jinstab ħati ta' krudeltà kontra l-annimali.

ii. Jiddaħħlu regolamenti ġodda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-annimali.

iii. Wara s-suċċess tad-*dog park* ta' Ta' Qali, jinfetħu numru ta' *dog parks* oħra.

iv. Jiġu mmarkati zoni tal-għawm fejn jistgħu jgħumu l-annimali.

v. Issir kampanja ta' *neutering* tal-klieb u qtates li jiġġerrew fit-toroq.

vi. Tingħata aktar għajnuna lill-għaqdiet u *sanctuaries* li jaħdmu fil-qasam tal-annimali.

# Qabża oħra ta' kwalità f'Għawdex

**Għawdex kien u jibqa' l-ġojjell ta' Malta u għandu post speċjali fil-ħidma politika tal-PN. Għarafna l-isfidi partikolari tal-gżira ta' Għawdex u matul l-aħħar snin tajna attenzjoni speċjali u anki permezz ta' miżuri u skemi preferenzjali għal Għawdex. Investejna bil-kbir fl-ambjent Għawdxi u investejna ħafna wkoll fl-insfrastruttura ta' Għawdex. Allokajna 10% tal-fondi Ewropej f'Għawdex. U b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' sussidjarjetà saħħaħna l-karatteristiċi distinti ta' Għawdex. Biex nagħmlu qabża oħra ta' kwalità f'Għawdex qed nipproponu dawn il-miżuri ġodda għall-ħames snin li ġejjin.**

## 116. Inċentivi biex jiftħu aktar negozji f'Għawdex

i. Tingħata eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul sa massimu ta' €200,000 fuq medda ta' tliet snin lil kull negozju li jiftaħ ġdid f'Għawdex fi kwalunkwe qasam u li jħaddem miegħu mill-anqas tnejn min-nies f'Għawdex.

ii. Titraħħas drastikament kull liċenzja li titħallas fir-rigward ta' negozju li jaħdem f'Għawdex jew minn Għawdex billi ssir ekwivalenti għal 10% ta' dik li titħallas Malta.

## 117. Pjan għat-Turiżmu f'Għawdex

Biex niffaċilitaw it-turiżmu f'Għawdex, inkabbruh u nsostnuh matul is-sena kollha qed nipproponu li fl-ewwel sitt xhur tal-leġiżlatura li jmiss il-Gvern japprova Pjan għat-Turiżmu f'Għawdex li jkun imsejjes fuq dawn il-punti:

i. Nagħtu inċentivi lis-settur tal-*cruise liners* biex il-passiġġieri li jaslu Malta jżuru Għawdex. Jingħata wkoll inċentiv għas-servizz ta' trasport bejn il-Port il-Kbir u Għawdex.

ii. Naħdmu mas-settur privat biex jinfetħu aktar lukandi *five star* li jipprovdu impjiegi ġodda f'Għawdex u għal dan il-għan il-Gvern jimpenja ruħu li l-proċeduri neċessarji, inkluż applikazzjonijiet tal-MEPA, jiġu faċilitati.

iii. Nintroduċu skemi vantaġġużi biex il-lukandi eżistenti jitiebu u joffru servizzi aħjar milli jagħmlu llum, u għal dan il-għan noffru skema ta' inċentivi b'valur ta' €300,000 bil-ħsieb li dan l-iżvilupp iżid l-impjiegi f'dan il-qasam.

iv. Jiġi inċentivat l-iżvilupp ta' *Boutique Hotels* f'Għawdex sabiex l-offerta ta' akkomodazzjoni fil-gżira tiġi diversifikata aktar.

v. Għawdex magħruf għat-turiżmu tal-*farmhouses* u għalhekk se nagħmlu skemi b'valur ta' €300,000 biex isir *upgrading* ta' dan il-qasam u nneħħu l-ħlasijiet amministrattivi.

vi. Tinfetaħ in-niċċa ta' *Health Tourism* permezz tal-immodernizzar fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, il-bini ta' pixxina fil-magħluq, aktar spazji għall-mixi

fil-kampanja u skemi għall-investiment fil-faċilitajiet meħtieġa fl-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni u kliniċi tas-saħħa privati f'Għawdex.

vii. Jingħataw inċentivi biex is-setturi tal-agrikultura u s-sajd jingħaqdu mas-settur turistiku biex jipprovdu lit-turist esperjenza awtentika tal-ħajja rurali Għawdxija, filwaqt li jiżdied il-qligħ għall-bdiewa u s-sajjieda.

Biex insaħħu t-turiżmu f'Għawdex beħsibna – fil-kuntest tal-politika tagħna ta' Eko Għawdex – ninċentivaw iż-żjarat f'Għawdex billi:

i. Issir skema ta' għajnuna għal attivitajiet kulturali, fosthom il-karnival, l-opri, it-turiżmu reliġjuż u attivitajiet ta' divertiment li jistgħu jiġbdu t-turisti. Tingħata preferenza għal attivitajiet fix-xitwa.

ii. Niżviluppaw programm dirett lejn it-tindif u l-manutenzjoni kontinwu tal-widien u tar-raba' f'Għawdex u l-ħolqien ta' aktar parks naturali fil-gżira. Din l-inizjattiva mmirata li timpjega mal-100 ħaddiem u li għaliha nivvutaw €400,000 fis-sena.

iii. Indaħħlu prezzijiet speċjali fuq il-*Gozo Channel* għaż-żjarat ta' gruppi ta' aktar min 25 persuna biex ninkoraġġixxu t-turiżmu lejn Għawdex. Maltin u turisti oħrajn li jqattgħu mill-anqas lejl wieħed f'Għawdex iħallsu t-tariffa tal-Għawdxin għall-vapur.

iv. Nagħmlu fond ta' mill-anqas €500,000 fis-sena riservat għar-reklamar ta' Għawdex kemm f'Malta kif ukoll internazzjonalment.

v. Tiġi implimentata politka għal-turiżmu rurali f'Għawdex b'enfasi fuq agro-turiżmu, agri-turiżmu, turiżmu kulturali u turiżmu reliġjuż. F'dan il-qafas titnieda t-tiketta 'Made in Gozo'.

## 118. L-industrija żgħira f'Għawdex

Inbiddlu l-*Industrial Estate* tax-Xewkija f'*Business Park* li jintuża minn azjendi żgħar Għawdxin – mastrudaxxi, tellara, *mechanics*, naġġara eċċ - li jkunu lesti jirrilokaw biex jespandu u jħaddmu lill-Għawdxin. Għajr għal raġunijiet ambjentali ma jkunx hemm restrizzjonijiet fuq min jista' jmur fil-*Business Park*. Min imur fil-*Business Park* ma jħallasx kera għall-ewwel ħames snin kemm-il darba jintrabat li jżid il-ħaddiema tiegħu għal numru raġonevoli komparat mal-ispazju li jokkupa u wara jħallas kera sussidjata għal numru ta' snin oħra.

## 119. *Link* permanenti bejn Malta u Għawdex

Nappoġġaw u niffinanzjaw – anki bl-għajnuna tal-Unjoni Ewropea – il-bini ta' *link* permanenti bejn Għawdex u Malta skont ma jirriżulta l-aħjar mill-istudji sakemm dan ikun ambjentalment vijabbli. Nemmnu li dan il-*link* permanenti llum hu kruċjali biex Għawdex ikabbar it-turiżmu u l-kummerċ, u biex fuq kollox ikabbar il-postijiet tax-xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin.

## 120. L-infrastruttura f'Għawdex

i. Ninvestu fl-infrastruttura ta' Għawdex, partikolarment it-toroq. Għal dan il-għan nirriservaw mill-anqas €1,000,000 fis-sena għall-bini mill-gdid jew rikostruzzjoni tat-toroq distributorji u residenzjali f'Għawdex.

ii. Tinbena estensjoni ġdida lil *Sixth Form* ta' Għawdex kif ukoll isir *refurbishment* sħiħ lill-iskola tas-*sixth form* li hemm illum.

### 121. Eko-Għawdex

i. Ngħaddu għall-fażi li jmiss tal-proġett eko-Għawdex u niffukaw partikolarment fuq l-enerġija rinnovabbli u l-ħażna tal-ilma. Fil-qasam tal-enerġija nadifa, speċjalment mix-xemx, naħdmu sakemm Għawdex jilħaq il-bżonnijiet tiegħu kollha minn sorsi alternattivi. Fi żmien tliet xhur mill-bidu tal-leġiżlatura ssir Konferenza Reġjonali li tieħu rendikont ta' dak li diġà twettaq u jiġi adottat il-pjan ta' azzjoni dwar il-miżuri dettaljati li se jittieħdu għas-snin li ġejjin.

ii. Fil-kuntest ta' Eko-Għawdex, naħdmu wkoll biex:
   - Jibda jintuża l-ilma ġġenerat mit-tisfija tad-drenaġġ;
   - Jingħataw inċentivi biex il-familji u n-negozji f'Għawdex ikomplu jinvestu fl-energy efficiency u l-enerġija alternattiva;
   - Jiżdiedu l-imsaġar u l-ħażniet tal-ilma tax-xita;
   - Tiġi varata t-tieni fażi tar-rinnovazzjoni taċ-Ċentru ta' Riċerka fl-Agrikoltura u l-Ambjent fix-Xewkija;
   - Jinfetaħ iċ-*child development centre* li jkun jinkorpora fih *childcare centre* reġjonali u s-servizzi kollha marbuta mas-saħħa, żvilupp u edukazzjoni li jingħataw lit-tfal;
   - Jingħataw inċentvi biex jinfetħu faċilitajiet ta' *childcare* żgħar fil-komunità.

### 122. *Business Centre* fir-Rabat, Għawdex

Bi sħubija mal-privat, jitwaqqaf *Business Centre.* Dan iservi biex jingħata spazju fejn jaħdmu lill-kumpaniji tal-IT, servizzi finanzjarji, *gaming* u oħrajn fis-settur tas-servizzi, li jridu joperaw minn Għawdex u jħaddmu lill-Għawdxin.

### 123. L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ikompli jestendi s-servizzi li jipprovdi u jkompli jgħin fit-tnaqqis tal-*waiting lists* f'Malta. Fost l-oħrajn, jitwaqqfu Kliniċi għall-Mard taz-Zokkor, il-mard tal-Qalb u Problemi Respiratorji. Jinfetaħ *Dementia Ward,* dipartiment tal-fiżjoterapija u klinika dentali ġdida. Jiġi estiż ukoll is-servizz tal-għoti tal-kimoterapija u jissaħħu l-*Health Promotion* u l-kura primarja.

### 124. Jitwaqqaf Kunsill Reġjonali f'Għawdex

i. F'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku, Għawdex ikun rikonoxxut bil-liġi bħala gżira reġjun. Il-Kumitat Reġjonali eżistenti jinbidel f'Kunsill Reġjonali li jitwaqqaf b'liġi apposta u li jkun responsabbli biex jissorvelja t-twettiq tal-politika tal-Gvern f'Għawdex u biex jiġi kkonsultat b'mod obbligatorju dwar l-istess politika. Ikollu wkoll il-poter li jgħaddi *bye-laws* applikati fil-gżira ta' Għawdex.

ii. Il-Kunsill ikun kompost mill-Ministru għal Għawdex, mill-Membri Parlamentari ta' Għawdex, mis-sindki tal-lokalitajiet kollha f'Għawdex, kif ukoll minn ħames rappreżentanti eletti mill-għaqdiet tas-soċjetà ċivili f'Għawdex. B'hekk jissaħħaħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà u jiġi żgurat li l-futur tal-gżira reġjun jitfassal u jitwettaq bis-sehem dirett tal-partijiet kollha interessati f'Għawdex stess.

### 125. Għawdex u l-Unjoni Ewropea

i. Matul id-disa' snin li għaddew, Gvern Nazzjonalista alloka 10% tal-fondi tal-Unjoni Ewropea għal Għawdex. Dan wassal fl-akbar investiment li qatt sar speċjalment fl-infrastruttura. Il-Partit Nazzjonalista qed jintrabat li jekk jerġa' jiġi elett, jerġa' jalloka 10% tal-pakkett

finanzjarju Ewropew għal Għawdex. F'każ li Malta ma tibqax tibbenefika kif kienet s'issa, jinnegozja direttament pakkett finanzjarju speċjali għal Għawdex sabiex dan jibqa' jgawdi minn fondi tal-Unjoni Ewropea sal-2020. Il-fondi dedikati għal Għawdex jintużaw fuq proġetti magħżula skont il-prijoritajiet imniżżla f'dan il-programm u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex u eventwalment, mal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex.

ii. Fir-Rappreżentanza Maltija fi Brussell, jiġi appuntat uffiċjal apposta b'responsabbiltà speċifika dwar Għawdex u l-Unjoni Ewropea.



Ħames snin ilu Ella kienet il-wiċċ tal-programm elettorali
tal-Partit Nazzjonalista għall-elezzjoni ġenerali tal-2008.
Kellha 9 snin u kienet tattendi fi skola primarja.
Illum Ella għandha 14-il sena u qegħda fl-iskola sekondarja.
Għażlet is-suġġetti li trid tkompli tistudja.
Fil-ħames snin li ġejjin tispiċċa mill-iskola sekondarja
u tkompli bl-istudji biex wara tibda l-karriera tagħha.

Fl-istess żmien se nkunu qed nagħmlu l-għazliet biex Ella u tfal oħra
tal-età tagħha jkunu jistgħu jidħlu f'impjieg li jagħtihom sodisfazzjon.

Il-proposti li fih dan il-programm elettorali huma l-garanzija
li l-futur ta' Ella u tal-poplu Malti u Għawdxi jkun tassew futur fis-sod.



FUTUR FIS-SOD
XOGĦOL ★ SAĦĦA ★ EDUKAZZJONI

www.mychoice.pn